KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI TRSTENJAK ippreżentati fit-2 ta' Ġunju 2010[1]

Werrej

I — Introduzzjoni ..... I - 10165

II — Il-qafas leġislattiv ..... I - 10166

A — Id-dritt Komunitarju ..... I - 10166

1. Id-dritt primarju ..... I - 10166

2. Id-dritt sekondarju ..... I - 10167

a) Id-Direttiva 68/151 KEE ..... I - 10167

b) Id-Direttiva 89/667/KEE ..... I - 10168

B — Il-liġi nazzjonali ..... I - 10168

III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari ..... I - 10170

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ..... I - 10171

V — L-argumenti prinċipali tal-partijiet ..... I - 10171

VI — Evalwazzjoni legali ..... I - 10172

A — Osservazzjonijiet preliminari ..... I - 10172

1. L-approssimazzjoni legali bħala strument tad-dritt Ewropew tal-kumpanniji ..... I - 10172

2. L-għan regolatorju tad-Direttiva 68/151 ..... I - 10173

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

B — Fuq id-domanda preliminari ..... I - 10174

1. Id-dritt sekondarju bħala kuntest ta' eżami ..... I - 10176

a) L-applikabbiltà tad-Direttiva 68/151 ..... I - 10176

i) L-eżistenza ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltŕ limitata fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 68/151 ..... I - 10176

ii) Ir-rikonoxximent tal-limitazzjoni tar-responsabbiltà ..... I - 10176

iii) Responsabbiltà għall-obbligi tal-kumpannija b'kapital azzjonarju I - 10178

iv) L-iskop tar-responsabbiltà ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata ..... I - 10180

b) Kompatibbiltà mad-Direttiva 68/151 ..... I - 10180

2. Kompatibbiltà mad-dritt primarju ..... I - 10183

a) Ammissibbiltà ta' dipendenza fuq id-dritt primarju ..... I - 10183

b) Il-libertà ta' stabbiliment ..... I - 10184

i) L-applikabbiltà tal-Artikoli 43 KE u 48 KE ..... I - 10184

ii) Restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment ..... I - 10187

— L-Artikolu 43 KE bħala projbizzjoni komprensiva fuq restrizzjonijiet ..... I - 10187

— Il-possibbiltà ta' delimitazzjoni teleoloġika tal-projbizzjoni fuq restrizzjonijiet ..... I - 10189

iii) Ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment .... I - 10191

— Il-protezzjoni ta' drittijiet fundamentali bħala interess leġittimu ..... I - 10192

— It-test ta' proporzjonalità ..... I - 10193

iv) Konklużjoni intermedjarja ..... I - 10200

c) Il-moviment liberu tal-kapital ..... I - 10200

i) Applikabbiltà tal-Artikolu 56 KE ..... I - 10200

ii) Restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital ..... I - 10201

— L-Artikolu 56 KE bħala projbizzjoni komprensiva fuq restrizzjonijiet ..... I - 10201

— Il-possibbiltà ta' delimitazzjoni teleoloġika tal-projbizzjoni fuq restrizzjonijiet ..... I - 10202

iii) Ġustifikazzjoni ..... I - 10203

— Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali bħala interess leġittimu ..... I - 10203

— It-test ta' proporzjonalità ..... I - 10203

iv) Konklużjoni intermedjarja ..... I - 10204

VII — Konklużjoni ..... I - 10204

I — Introduzzjoni

1. Il-każ preżenti joriġina minn talba għal deċiżjoni preliminari mis-Symvoulio tis Epikrateias Grieg (Kunsill tal-Istat; iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") konformi mal-Artikolu 234 KE [2] li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti interpretazzjoni tal-ewwel Direttiva tal-Kunsill [68/151/KEE], tad-9 ta' Marzu tal-1968, dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità [3].

2. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirriżulta minn tilwima bejn Idrima Tipou

2 — Skont it-Trattat ta' Lisbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li ġie ffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007 (ĠU 2007 C 306, p. 1), il-proċedura dwar deċiżjoni preliminari issa hija rregolata bl-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 3.

A.E. (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata li topera fis-settur tal-istampa u tat-televiżjoni, u l-Ipourgos Tipou Kai Meson Mazikis Enimerosis (Ministru tal-Istampa u x-Xandir) (iktar 'il quddiem il-"konvenut") rigward il-legalità ta' multa li ġiet imposta fuq ir-rikorrenti minħabba ksur tal-leġiżlazzjoni u regoli ta' kondotta tajba li jirregolaw il-funzjonament ta' stazzjonijiet televiżivi u li r-rikorrenti, l-azzjonisti u l-membri tal-bord tad-diretturi nżammu responsabbli *in solidum* għalihom.

3. Minn perspettiva legali, dan ir-rinviju essenzjalment iqajjem żewġ punti legali li huma interkonnessi. L-ewwel nett, issir il-mistoqsija jekk fid-dritt tal-kumpanniji tal-Unjoni Ewropea hemmx kunċett definit biżżejjed tal-forma legali ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata li, bħas-sistema legali ta' ħafna Stati Membri, tirrikonoxxi l-prinċipju li r-responsabbiltà ta' kumpannija b'kapital azzjonarju hija limitata għall-assi tal-kumpannija. It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju tixtieq tivverifika jekk, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, dan il-prinċipju jippermettix li jiġi minfud il-velu korporattiv. Huwa biss jekk dan it-tniffid tal-velu korporattiv huwa kompatibbli mad-dritt Komunitarju li jkun possibbli li tiġi estiża r-responsabbiltà tal-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata għall-assi tal-azzjonisti.

II — Il-qafas leġislattiv

A — *Id-dritt Komunitarju*

1. Id-dritt primarju

4. L-Artikolu 43 KE jistipula:

"Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt ir-restrizzjonijiet għal-libertà ta' l-istabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għandhom jiġu pprojbiti. Tali projbizzjoni għandha testendi ruħha wkoll għal restrizzjonijiet fuq l-istabbiliment ta' aġenziji, fergħat u sussidjarji, minn ċittadini ta' Stat Membru stabbiliti fit-territorju ta' Stat membru ieħor.

Il-libertà ta' l-istabbiliment tinkludi d-dritt li tibda u teżerċita attivitajiet bħala persuna li taħdem għal rasha, kif ukoll li tikkostitwixxi u tmexxi impriżi u b'mod partikolari kumpanniji li jaqgħu taħt it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48, paragrafu 2, taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-liġijiet tal-pajjiż ta' l-istabbiliment, għaċ-ċittadini tiegħu stess, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu dwar il-kapital."

5. L-Artikolu 44 KE jistipula:

"1. Sabiex tinkiseb il-libertà ta' l-istabbiliment għal xi attività speċifika, il-Kunsill li jaġixxi

skond il-proċedura li hemm imsemmija fl-Artikolu 251 u wara li jikkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jaġixxi permezz ta' direttivi.

2. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet mogħtija lilhom bid-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, b'mod partikulari

[…]

(g) billi jikkoordinaw, sa fejn hu neċessarju u bil-ħsieb li jiżguraw l-ekwivalenza tagħhom fil-Komunità kollha, il-garanziji meħtieġa fi Stati Membri minn kumpanniji fis-sens ta' l-Artikolu 48 paragrafu 2 biex jipproteġu kemm l-interessi tal-membri kif ukoll ta' terzi".

6. L-Artikolu 48 KE jistipula:

"Il-kumpanniji jew ditti stabbiliti in konformità mal-liġijiet ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċju reġistrat jew it-tmexxija ċentrali jew is-sede prinċipali ġewwa l-Komunità, għandhom, għall-fini ta' dan il-Kapitolu ikunu meqjusa bħala persuni naturali ċittadini ta' l-Istati Membri.

'Kumpanniji jew ditti' ifissru kumpanniji jew ditti stabbiliti skond il-liġijiet ċivili jew kummerċjali, inklużi s-soċjetajiet kooperattivi u persuni ġuridiċi oħra regolati bid-dritt pubbliku jew privat, ħlief għal dawk bla skop ta' qliegħ".

7. L-Artikolu 56 KE jistipula:

"1 . Fil-kwadru tad-disposizzjonijiet indikati f'dan il-Kapitolu, kull restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi tkun projbita.

2. Fil-kwadru tad-disposizzjonijiet indikati f'dan il-Kapitolu, kull restrizzjoni fuq pagamenti bejn l-Istati Membri u l-Istati Membri u pajjiżi terzi għandha tkun projbita."

2. Id-dritt sekondarju

a) Id-Direttiva 68/151 KEE

8. Sakemm ġiet abrogata bid-Direttiva 2009/101/KE[4] li daħlet fis-seħħ fil-21 ta' Ottubru 2009, id-Direttiva 68/151 li hija applikabbli *ratione temporis* ipprovdiet għall-koordinazzjoni tas-salvagwardji skont id-dritt tal-kumpanniji fl-Istati Membri fl-interess tal-membri u ta' terzi.

4 — Direttiva 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 48 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU 2009 L 258, p. 11).

9. Skont il-premessi ta' din id-direttiva "il-koordinazzjoni prevista fl-Artikolu 54(3)(ġ) [tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea] u fil-Programm Ġenerali għat-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment hija kwistjoni ta' urġenza, speċjalment dwar kumpanniji limitati b'ishma jew għandhom xort'oħra responsabbiltà limitata, billi l-attiviatjiet ta' dawk il-kumpanniji ġieli jestendu 'l hinn mill-fruntieri ta' territorji nazzjonali'. Il-premessi għal din id-direttiva jistipulaw ukoll illi "f'dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet tal-Komunità relattivament għal dawk il-kumpanniji simultanjament, billi l-uniċi salvagwardji li huma joffru lil partijiet terzi huwa l-attiv tagħhom".

10. L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, kif emendat bl-Att ta' Adeżjoni għall-Greċja [5], jistipula:

"Il-miżuri ta' koordinazzjoni stipulati b'din id-direttiva għandhom japplikaw għal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar it-tipi ta' kumpanniji li ġejjin:

[…]

għall-Greċja:

ανώνυμη εταιρία, εταιρία περιωρισμένης ευθύνης, ετερόρρυθμη κατά μετοχές εταιρία (kumpanniji limitati bl-ishma jew li altrimenti jkollhom responsabbiltà limitata)."

11. Id-Direttiva 68/151 fiha tliet taqsimiet. Taqsima I tittratta l-iżvelar ta' dokumenti ta' kumpannija, Taqsima II tinkludi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-validità ta' obbligi li l-kumpannija tkun daħlet għalihom, u Taqsima III li tirregola n-nullità possibbli tal-kumpannija.

b) Id-Direttiva 89/667/KEE

12. Fil-premessi tagħha, it-Tnax-il Direttiva tal-Kunsill, rigward il-liġijiet tal-kumpanniji 89/667/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-kumpanniji privati ta' membru wieħed b'responsabbilità limitata [6] tistipula li "huwa importanti li jiġi pprovdut strument legali li jippermetti l-limitazzjoni tar-responsabbiltà tal-imprenditur individwali ġewwa l-Komunità kollha, mingħajr preġudizzju għal-liġijiet ta' l-Istati Membri li, f'ċirkustanzi eċċezzjonali jeħtieġu li dan l-imprenditur ikun responsabbli mill-obbligi ta' l-impriża tiegħu".

B — *Il-liġi nazzjonali*

13. L-Artikolu 5(1) tal-Kostituzzjoni Griega jistabbilixxi d-dritt taċ-ċittadini kollha li jiżviluppaw liberament il-personalità tagħhom u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika, bil-kundizzjoni li jirrispettaw id-drittijiet ta' ħaddieħor,

5 — ĠU 1979, L 291.

6 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 104.

il-Kostituzzjoni u l-istandards morali. L-Artikolu 5(3) jistipula li l-libertà personali hija invjolabbli.

14. L-Artikolu 106(2) tal-Kostituzzjoni jistipula li l-inizjattiva ekonomika privata ma għandhiex titħalla tiżviluppa għad-detriment tal-libertà u d-dinjità umana filwaqt li l-Artikolu 15(2) tal-Kostituzzjoni jistipula (fil-verżjoni ta' qabel ir-reviżjoni kostituzzjonali tal-2001) li r-radju u t-televiżjoni, taħt il-kontroll tal-Istat, kellhom jiżguraw it-trasmissjoni ta' informazzjoni oġġettiva u li jiġu salvagwardjati l-istandards tax-xandir.

15. Il-Ligi 2328/1995 tirregola l-qafas legali tat-televiżjoni privata. L-Artikolu 1(9) jistipula li azzjonijiet f'kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata li joperaw stazzjonijiet televiżivi għandhom ikunu rreġistrati. Skont l-Artikolu 1(10), kumpanniji b'responsabbiltà limitata jistgħu jkollhom liċenzja waħda biss biex iwaqqfu, jistabbilixxu u joperaw stazzjon televiżiv jew ikollhom azzjonijiet f'kumpannija waħda biss li jkollha f'isimha liċenzja bħal din. Azzjonijiet miżmuma minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi f'kumpanniji bħal dawn ma għandhomx jeċċedu l-25% tal-kapital azzjonarju. Azzjonisti li jkollhom iktar minn 2.5% u l-membri tal-bord tad-diretturi ta' kumpanniji li japplikaw għal jew li jkollhom kumpannija biex joperaw stazzjon televiżiv ma għandhomx jinsabu ħatja ta' reati kriminali li jikkostitwixxu impediment biex jinħatru uffiċjali pubbliċi. Bl-istess mod l-azzjonisti huma obbligati, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi rilevanti, li jiġġustifikaw kif ikunu akkwistaw l-attiv tagħhom. Barra dan, l-Artikolu 1(11) jistipula li sehem f'kumpannja li twettaq xogħlijiet pubbliċi jew kuntratti pubbliċi għal provvisti huwa inkompatibbli ma' sehem f'kumpannija li topera stazzjon televiżiv. L-Artikolu 1(13) jipprovdi għal notifika obbligatorja lill-ministru kompetenti tat-trasferimenti kollha ta' azzjonijiet f'tali kumpannija li jkunu jeċċedu t-2.5% tal-kapital azzjonarju tagħha. L-Artikolu 3 tal-Liġi 2328/1995 jistipula r-regoli ta' kondotta tajba li għandhom jiġu osservati minn stazzjonijiet televiżivi, filwaqt li l-Artikolu 4 jipprovdi għal multi amministrattivi fl-eventwalità ta' ksur ta' dawk ir-regoli. Fir-rigward ta' dawn il-penalitajiet, huwa stipulat b'mod speċifiku li l-multi għandhom jiġu imposti *in solidum*, mhux biss fuq il-kumpannija li jkollha l-liċenzja biex twaqqaf u topera l-istazzjon televiżiv, ir-rappreżentanti legali tagħha u l-membri tal-bord tad-diretturi tagħha, imma anki fuq l-azzjonisti kollha b'sehem ta' iktar minn 2.5%.

16. Il-Liġi 2190/1920 tistabbilixxi r-regoli ġenerali li jirregolaw kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata. Skont l-Artikolu 1 tal-Liġi, kumpannija pubblika b'responsabbiltà

limitata hija "kumpannija b'kapital azzjonarju u b'personalità ġuridika, li għall-passiv tagħha hija biss responsabbli bl-attiv tagħha".

III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17. Fil-11 ta' Mejju 2001, il-konvenut adotta deċiżjoni fejn ġiet imposta multa ta' GDR 10 000 000 *in solidum* fuq il-kumpannija Nea Tileorasi, il-proprjetarja tal-istazzjon televiżiv Star Channel, u fuq l-azzjonisti tagħha u l-membri tal-bord tad-diretturi tagħha. Il-multa ġiet imposta fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Ethniko Symvoulio Radiotileorasis (Kunsill tar-Radju u Televiżjoni Nazzjonali), l-awtorità indipendenti kompetenti, minħabba li informazzjoni mxandra fil-programm prinċipali tal-aħbarijiet tal-istazzjon televiżiv Star Channel fil-11 ta' Frar 2000 kisret l-obbligu li jiġi osservat il-karattru, l-unur, ir-reputazzjoni, u l-ħajja familjari u l-preżunzjoni tal-innoċenza ta' żewġ kantanti u disinjatur tal-moda.

18. Ir-rikorrenti, li hija azzjonista fil-kumpannija Nea Tileorasi, talbet lill-qorti tar-rinviju għall-annullament tad-deċiżjoni ministerjali li imponiet il-multa u tad-deċiżjoni tal-Kunsill tar-Radju u Televiżjoni Nazzjonali li fuqha kienet ibbażata.

19. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, f'dawn il-proċeduri l-qorti tar-rinviju kkunsidrat kemm il-kostituzzjonalità u l-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tal-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/95.

20. Il-qorti tar-rinviju eżaminat, l-ewwel nett, jekk regola li taħtha jiġu imposti multi *in solidum* kemm fuq il-kumpannija u fuq ċerta kategorija ta' azzjonisti hijiex konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Griega dwar il-libertà ekonomika. It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju eżaminat jekk id-dispożizzjoni kkontestata taqax taħt id-Direttiva 68/151 u jekk hijiex kompatibbli mal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva. F'dan ir-rigward, il-membri tal-Awla kompetenti kellhom opinjonijiet legali diverġenti.

21. Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 68/151. Din għalhekk issospendiet il-proċeduri u rrinvjat id-domanda li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

Id-Direttiva 68/151/KEE, li fl-Artikolu 1 tagħha tipprovdi li "[i]l-miżuri ta' kordinazzjoni preskritti b'din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar it-tipi ta' kumpaniji li ġejjin: [...] fil-Greċja: ανώνυμη εταιρία [kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata]...", tistabbilixxi regola li tipprojbixxi l-adozzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/1995, sa fejn tali dispożizzjoni tipprovdi li l-multi previsti fil-paragrafi preċedenti ta' dan l-artikolu għal ksur tal-leġiżlazzjoni u tar-regoli tal-etika li jirregolaw il-funzjonament tal-istazzjonijiet

televiżivi huma imposti b'mod konġunt u *in solidum*, mhux biss fuq il-kumpannija detentriċi tal-awtorizzazzjoni għall-ħolqien u għall-operat ta' stazzjon televiżiv, iżda wkoll fuq l-azzjonisti kollha li jżommu perċentwali ta' azzjonijiet ta' iktar minn 2.5 %?

V — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

25. Fl-osservazzjonijiet tagħhom, il-*Gvern Grieg* u l-*Kummissjoni* jaqblu li l-Artikolu 1 tad-Direttiva 68/151 ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/95.

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

26. Kemm il-Gvern Grieg u l-Kummissjoni jsostnu li d-Direttiva 68/151 ma tipprovax tarmonizza l-kunċett jew id-definizzjoni ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata, imma sempliċement telenka l-forom ta' kumpanniji eżistenti fl-Istati Membri li japplikaw għalihom id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

22. Id-digriet tar-rinviju tas-17 ta' Settembru 2008 wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-26 ta' Frar 2009.

27. Konsegwentement, l-Istati Membri għandhom id-dritt li joħolqu forom ġodda ta' kumpanniji jew li jimponu obbligi addizjonali fuq il-kumpanniji elenkati fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 68/151. F'dan ir-rigward il-*Kummissjoni* tirreferi fil-preambolu tagħha għall-bżonn li jiġu ppreżervati d-dispożizzjonijiet nazzjonali li, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jeħtieġu l-intraprenditur ikun responsabbli għall-obbligi tal-impriża tiegħu, b'deroga mill-istrument legali, li jissemma wkoll fil-preambolu, li għandha tiġi limitata r-responsabbiltà tal-kumpannija, li għandha tkun ipprovduta għall-intraprenditur individwali f'kull parti tal-Komunità. Kemm il-*Gvern Grieg* u l-*Kummissjoni* jikkonkludu li d-dritt Komunitarju ma jiggarantix lill-membri eżenzjoni mir-responsabbiltà għall-impenji ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata.

23. Il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu previst fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

24. Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2010, ir-rappreżentanti tar-Repubblika Ellenika u tal-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

28. Sussidjarjament, il-*Gvern Grieg* isostni li l-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/95, pereżempju, ma jelevax ir-responsabbiltà *in solidum* tal-membri b'sehem ta' iktar minn 2.5 % għall-istatus ta' regola ġenerali. Pjuttost, din id-dispożizzjoni tistipula l-impożizzjoni ta' multi għal ksur ta' leġiżlazzjoni u regoli ta' kondotta tajba li jirregolaw l-operat ta' stazzjonijiet televiżivi fuq il-kumpannija li għandha f'isimha l-liċenzja operattiva għal stazzjon televiżiv u fuq il-membri, peress li dawn għandhom rwol partikolari fil-formazzjoni u fit-tħaddim tal-kumpannija.

VI — Evalwazzjoni legali

A — *Osservazzjonijiet preliminari*

1. L-approssimazzjoni legali bħala strument tad-dritt Ewropew tal-kumpanniji

29. Id-dritt tal-kumpanniji tal-Unjoni Ewropea huwa primarjament ikkonċernat bil-kundizzjonijiet qafas li jirregolaw impriżi ta' oriġini nazzjonali jew Ewropea fis-suq intern [7]. Il-formulazzjoni speċifika ta' dawk il-kundizzjonijiet qafas hija influwenzata, minn naħa, mill-isforzi biex jiġu armonizzati s-sistemi nazzjonali tad-dritt tal-kumpanniji fl-Istati Membri, u min-naħa l-oħra, mill-ħolqien ta' sistema supranazzjonali ta' dritt tal-kumpanniji stipulati fid-dritt Komunitarju.

30. Hemm diversi raġunijiet għall-isforzi biex jiġu approssimati r-regoli tad-dritt tal-kumpanniji li jeżistu fl-Istati Membri individwali. Punt ta' referenza huwa l-prinċipju tal-libertà ta' stabbiliment stabbilit fl-Artikolu 43 KE, li huwa applikabbli wkoll għall-kumpanniji skont l-Artikolu 48 KE, u li jipprovdi li restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru fi Stati Membri oħrajn għandhom jitneħħew [8]. Madankollu, speċifikament fil-każ ta' kumpanniji, dawn jistgħu u fil-fatt jeżerċitaw id-dritt tal-istabbiliment tagħhom f'każ biss li jkun hemm ambjent legali armonizzat. Impetu ieħor għall-armonizzazzjoni legali huwa r-rikonoxximent tal-fatt li deċiżjonijiet dwar il-post tal-impriża għandhom jittieħdu fl-interess tal-ekonomija tal-Unjoni fit-totalità tagħha, abbażi ta' fatturi razzjonali u nazzjonali, u mhux skont fejn hemm ambjent iktar favorevoli għall-impriżi

7 — Ara P. Behrens, "*Gesellschaftsrecht*", f': Handbuch des EU-Wirtschaftsrechts [(ed. Manfred A. Dauses), E. III, punt 3, p. 3].

8 — Ara M. Rondinelli, "*Il proceso di armonizzazione del diritto societario europeo*", Percorsi di diritto societario europeo, Turin 2000, p. 38, li jirrileva l-konnessjoni mill-qrib bejn l-armonizzazzjoni tad-dritt tal-kumpanniji fl-Unjoni Ewropea u l-libertà ta' stabbiliment. Ara wkoll A. Grünwald, *Europäisches Gesellschaftsrecht*, Vjenna 1999, p. 12, u G. Mustaki/V. Engammare, *Droit européen des sociétés*, Basel 2009, p. 105.

mill-perspettiva ta' dritt tal-kumpanniji [9]. Barra dan, l-approssimazzjoni ta' sistemi legali nazzjonali hija maħsuba biex tiżgura li l-kundizzjonijiet kompetittivi jkunu ugwali kemm jista' jkun possibbli għall-impriżi fl-Unjoni Ewropea. Fl-aħħar nett, l-eżistenza ta' ambjenti legali komparabbli tgħin biex jiżgura li investimenti transkonfinali minn impriżi u azzjonisti jsiru għall-benefiċċju tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Unjoni.

reġistrata [12]. Skont ir-raba' u s-sitt premessa tagħha, hija intiża għall-koordinazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw il-pubblikità ta' informazzjoni bażika dwar il-kumpannija, il-validità ta' obbligi assunti għan-nom tal-kumpannija, u n-nullità tal-kumpannija. Dawn ir-regoli għall-protezzjoni tar-relazzjonijiet legali kienu magħrufa fis-sistemi legali tal-Istati fondaturi kollha. Madanakollu, dawn ma kinux kompletament ekwivalenti. Fid-dawl ta' żvilupp li dejjem kien qed jiżdied ta' attivitajiet transkonfinali ta' kumpanniji, l-Istati Membri għalhekk ikkunsidraw li r-regoli nazzjonali għandhom b'mod urġenti jiġu approssimati sabiex tiġi pprovduta protezzjoni ekwivalenti għar-relazzjonijiet legali b'mod ġenerali, tal-kredituri b'mod partikolari, f'kull parti tal-Komunità.

2. L-għan regolatorju tad-Direttiva 68/151

31. Id-Direttiva 68/151 li ġiet adottata fid-9 ta' Marzu 1968, għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattati ta' Ruma, mhux biss kienet l-ewwel direttiva fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji; iżda din kienet propju l-ewwel miżura ta' approssimazzjoni fil-qasam tad-dritt ċivili [10]. Imwaqqfa fuq il-bażi legali tal-Artikolu 53(3)(g) tat-Trattat KEE, [l-Artikolu 44(2)(g) KE] [11], din hija maħsuba biex tipproteġi lil terzi, b'mod partikolari l-kontraenti tal-kumpannija. Hija maħsuba mhux biss biex tkun tista' tinkiseb l-informazzjoni neċessarja dwar il-kumpannija, imma anki biex tiġi invokata l-effettività ta' dikjarazzjonijiet ta' intenzjoni magħmula għan-nom tal-kumpannija u dwar l-eżistenza kontinwa tal-kumpannija

32. Qabel l-adozzjoni tagħha kien hemm ħafna snin ta' negozjati fi ħdan il-Komunità Ekonomika Ewropea, li f'dak iż-żmien kienet għadha tikkonsisti minn sitt Stati fondaturi. Meta aderew l-Istati Membri l-oħra, inkluża l-Greċja fl-1981, dawn inkorporaw id-Direttiva 68/151 bħala parti mill-"acquis communautaire". Skont l-atti ta' adeżjoni rispettivi, id-dispożizzjonijiet tad-direttiva, b'mod partikolari l-Artikolu 1 dwar il-kumpanniji kkonċernati kienu ġew adattati konformament mat-tkabbir tal-grupp tal-Istati Membri. Din id-dispożizzjoni tad-direttiva, li l-qorti tar-rinviju qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta fid-domanda preliminari tagħha, tiddefinixxi l-iskop *ratione personae* tad-direttiva, billi

9 — Fil-fehma ta' M. Rondinelli, loc. cit. (nota ta' qiegħ il-paġna 8) p. 38, l-approssimazzjoni tal-liġijiet għandha tevita li deċiżjonijiet dwar lokazzjonijiet u movimenti ta' kapital jittieħdu mhux abbażi ta' fatturi ekonomiċi imma skont fejn hemm l-iktar ambjent favorevoli mil-lat ta' dritt ta' kumpanniji.

10 — Ara M. Habersack, *Europäisches Gesellschaftsrecht*, it-tielet Edizzjoni, Munich 2006, Artikolu 5, punt 1, p. 82.

11 — Li jikkorrispondi għall-Artikolu 50(2), TFUE.

12 — Ara K. Hempel, *Kommentar zu EU- und EG-Vertrag* (ed. Heinz Mayer), Artikolu 44, punt 19, p. 19; M. Rondinelli, (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8), p. 42.

telenka l-forom ta' kumpanniji li tapplika għalihom f'kull Stat Membru individwali. Dawn huma mingħajr ebda eċċezzjoni kumpanniji b'kapital azzjonarju [13], jiġifieri kumpanniji limitati bl-azzjonijiet jew mod ieħor, li jkollhom responsabbiltà limitata, li minkejja d-differenzi individwali fl-organizzazzjoni tal-forma rispettiva tagħhom, huma kkaratterizzati fid-dritt tal-kumpanniji tal-Istati Membri minn ċerti karatteristiċi komuni.

B — *Fuq id-domanda preliminari*

33. Waħda minn dawn il-karatteristiċi huwa l-prinċipju, li hu rilevanti f'din il-kawża, tal-limitazzjoni tar-responsabbiltà ta' kumpannija b'kapital azzjonarju tal-attiv tal-kumpannija għad-dejn tal-kumpannija. Il-kapaċità bħala debitur u r-responsabbiltà relattiva ta' kumpannija b'kapital azzjonarju fir-rigward tal-krediturі għal dak li huwa d-dejn tal-kumpannija hija bbażata fuq il-fatt li huma ngħataw personalità ġuridika skont il-liġi nazzjonali. Din il-kapaċità ġuridika awtonoma li tgawdi l-kumpannija tfisser li l-obbligi assunti għan-nom tal-kumpannija mhuwiex fl-istess ħin dejn li jorbtu lill-azzjonisti. Bħala kumpens għal-limitazzjoni tar-responsabbiltà għall-attiv tal-persuna legali, kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata u kumpannija b'responsabbiltà limitata, għandhom, pereżempju, ikollhom bażi kapitali għas-sottoskrizzjoni u biex din tinżamm is-sistema legali għandha tiżgura osservanza stretta għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' krediturі. Minkejja s-separazzjoni fundamentali bejn l-attiv tal-kumpannija u l-attiv tal-azzjonisti fil-każ ta' kumpannija b'kapital azzjonarju, il-ġurisprudenza u l-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri b'mod eċċezzjonali jippermettu r-responsabbiltà personali tal-azzjonisti fir-rigward ta' dejn tal-kumpannija f'ċirkustanzi speċjali [14].

34. Sa fejn naf jien, apparti minn xi differenzi individwali, dan il-prinċipju huwa rrikonoxxut

13 — Is-sistema tad-dritt Ewropew tal-kumpanniji bħala parti mil-liġi fejn ikun hemm tal-inqas element tad-dritt Komunitarju, tkopri fil-parti l-kbira biss kumpanniji b'kapital azzjonarju (ara P. Behrens, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 15, p. 8). Il-libertà ta' stabbiliment (l-Artikoli 43 KE u 48 KE) u l-Artikolu 44(2)(g) KE, bħala regola primarja li tirregola l-kompetenza fid-dritt tal-kumpanniji tal-Unjoni Ewropea, japplikaw għal kumpanniji kollha bi skop ta' lukru, u anki dawk li huma rregolati bid-dritt pubbliku. Irrispettivament mil-libertajiet fundamentali, it-testi tad-dritt Ewropew tal-kumpanniji għal kumpanniji kummerċjali jammonta għal xejn iktar minn att legali wieħed: l-istatut għall-Grupp Ewropew għall-Interess Ekonomiku (ara S. Grundmann, *Europäisches Gesellschaftsrecht*, Heidelberg, Artikolu 1, punt 12, p. 6). Ir-raġuni għall-enfasi leġiżlattiva fuq kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata tista' tkun, li minħabba l-istruttura tagħha, din it-tip ta' kumpannija għandha titqies bħala l-aħjar forma għal impriżi li joperaw f'kull parti tal-Komunità (araGrünwald, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, p. 13).

14 — Ara, fir-rigward tal-prinċipju tas-serparazzjoni tal-attiv tal-kumpannija u tal-azzjonisti tagħha, A. Kraft/P. Kreutz, *Gesellschaftsrecht*, l-għaxar Edizzjoni, Berlin 1997, p. 50 *et seq*, u fir-rigward tad-distinzjoni tar-responsabbiltà tal-kumpannija u dik tal-azzjonisti fil-każ ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju, M. Kocbek, *Zakon o gospodarskih družbah (ZGD) s komentarjem*, it-tieni Edizzjoni, GV Založba 2002, Vol. I, p. 127.

fl-Istati Membri kollha [15]. Barra dan, il-prinċipju ġie inkorporat fir-Regolament Nru 2157/2001 [16], li abbaži tiegħu nħolqot il-forma supranazzjonali tal-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata Ewropea (Societas Europaea, SE) [17]. Il-kwistjoni jekk u sa fejn id-dritt Komunitarju jippermetti b'mod eċċezzjonali li r-responsabbiltà tiġi estiża għall-attiv tal-membri fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża għandha tiġi ddeterminata permezz ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-direttiva, b'riferiment għall-formulazzjoni tagħha, l-istruttura tagħha u l-għan tagħha, billi jitqies il-livell ta' armonizzazzjoni li jeżisti fil-preżent fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji.

35. Fir-risposta għad-domanda preliminari, madankollu, l-ewwel nett għandu jiġi

15 — Is-sistemi legali nazzjonali jistipulaw limitazzjoni tar-responsabbiltà għall-kumpanniji b'kapital azzjonarju, għalkemm il-formulazzjonijiet ivarjaw. F'xi każijiet il-krediturі jistgħu jinvokaw biss l-attiv tal-kumpannija fir-rigward tal-passiv tal-kumpannija; sistemi legali oħra jistipulaw li l-membri huma responsabbli biss għal ċerta kontribuzzjoni jew li mhumiex responsabbli personalment. Dan ifisser dejjem li l-membri mhumiex responsabbli fir-rigward tal-krediturі tal-kumpannija, fi kliem ieħor lejn terzi (ara G.C. Schwarz, *Europäisches Gesellschaftsrecht*, l-ewwel Edizzjoni, Baden-Baden 2000, punt 289, p. 187). Il-Ġermanja: paragrafu 1(1), AktG (Aktiengesetz) [liġi dwar kumpanniji b'responsabbiltà limitata] u l-Artikolu 13(2), GmbHG (Gesetz betreffend die Gesellschaften mit beschränkter Haftung) [liġi dwar kumpanniji b'responsabbiltà limitata,) jistipulaw li l-attiv tal-kumpannija biss jinżamm responsabbli għall-passiv tal-kumpannija fir-rigward tal-krediturі tagħha. Franza: L-artikolu L. 223-1(1) tal-Code de Commerce (Il-Kodiċi Kummerċjali) jistipula li l-kumpannija b'responsabbiltà limitata (*société à responsabilité limitée*) hija fformata minn persuna waħda jew iktar li huma responsabbli biss għat-telf sal-ammont tal-azzjonijiet tagħhom. L-Artikolu 225-1 tal-Code de Commerce jistipula espressament li l-membri ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata (*société anonyme*) huma responsabbli biss għat-telf sal-ammont tal-azzjonijiet tagħhom. L-Awstrija: L-Artikolu 48 AktG (Bundesgesetz über Aktiengesellschaften) [liġi Federal dwar kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata) u l-Artikolu 61(2), (GmbHG) (Gesetz über Gesellschaften mit beschränkter Haftung) [liġi dwar kumpanniji b'responsabbiltà limitata] jistipulaw li l-attiv tal-kumpannija biss jinżamm responsabbli fir-rigward tal-passiv tal-kumpannija fir-rigward tal-krediturі tagħha. Slovenja: l-Artikolu 7(2), ZGD-1 (Zakon o gospodarskih družbah) (liġi dwar il-kumpanniji), jistabbilixxi li l-liġi tiddefinixxi meta u kif l-azzjonisti huma responsabbli flimkien mal-kumpannija. Skont l-Artikolu 168(2) taz-ZGD-1, kumpannija b'kapital azzjonarju hija responsabbli għall-obbligazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-krediturі bl-attiv kollu tagħha. Skont l-Artikolu 168(3), ZGD-1, l-azzjonisti mhumiex responsabbli fir-rigward tal-krediturі għall-obbligi tal-kumpannija. Bl-istess mod, skont l-Artikolu 472 il-membri mhumiex responsabbli għall-obbligi ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata (ara f'dan ir-rigward M. Kocbek, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, Vol. I, p. 122, 530, u Vol. II, p. 336). Ir-Renju Unit: Kumpanniji b'kapital azzjonarju, bħall-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata bl-azzjonijiet, huma regolati bil-Companies Act 2006. Tal-ewwel hija komparabbli mal-Aktiengesellschaft Ġermaniża, filwaqt li tal-aħħar hija komparabbli mal-Gesellschaft mit beschränkter Haftung Ġermaniża (ara C. Just, *Die englische Limited in der Praxis*, Munich 2005, p. 4). L-Artikolu 1(1) tal-Companies Act jistipula li kumpannija hija kumpannija b'responsabbiltà limitata jekk ir-reponsabbiltà tal-membri tagħha hija llimitata bil-kostituzzjoni tagħha u li r-responsabbiltà tagħha tista' tkun illimitata bl-azzjonijiet tagħha jew illimitata b'garanzija. Spanja: L-Artikolu 1 tal-Liġi 2/1995, tat-23 ta' Marzu 1995, dwar kumpanniji b'responsabbiltà limitata (Ley de Sociedades de Responsabilidad Limitada) tistipula li l-kapital ta' kumpannija huwa kompost minn azzjonijiet, li jikkonsisti fl-azzjonijiet tal-membri, u li l-membri mhumiex responsabbli għall-obbligi tal-kumpanija. L-istess dispożizzjoni ssir fl-Artikolu 1 tal-Liġi 1564/1989 dwar kumpanniji pubbliċi (Ley de Sociedades Anónimas).

16 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001, tat-8 ta' Ottubru 2001, dwar l-Istatut ta' Kumpannija Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 251).

17 — Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru2157/2001, il-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata Ewropea għandha personalità ġuridika awtonoma. Bħala persuna legali, il-kumpannija (u mhux il-membri tagħha flimkien) tgawdi drittijiet u obbligi fir-rigward ta' terzi. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 1(2) tar-regolament, ir-reponsabbiltà ta' kull azzjonista individwali, fi kliem ieħor tal-membru, hija limitata bl-ammont nominali tal-azzjonijiet li hu ssottoskriva. Mhuwiex evidenti mid-dispożizzjonijiet jekk ir-responsabbiltà fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet kapitali hijiex limitata internament jew jekk il-krediturі ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata Ewropea jistgħux ukoll jieħdu azzjoni diretta kontra l-azzjonisti. Il-fatt li kumpannija hija persuna ġuridika ma jipprekludix awtomatikament ir-responsabbiltà esterna tal-membri tagħha. Madankollu, peress li persuna ġuridika għandha drittijiet u obbligi hi nnifisha, bħala prinċipju teħtieġ dispożizzjoni speċjali biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà esterna tal-membri tagħha. Il-krediturі għandhom relazzjoni legali biss mal-kumpannija, u mhux mal-membri. Kif A. Schröder, *Europäische Aktiengesellschaft SE* (ed. Gerhard Manz/Barbara Mayer/Albert Schröder), Baden-Baden 2005, l-Artikolu 1 tar-Regolament SE, punti 25 sa 29, p. 49 *et seq*, jispjega korrettement, li m'hemmx bażi għar-responsabbiltà generali esterna tal-azzjonisti tal-kumpannija fir-rigward tal-krediturі tal-kumpannija. Fil-fehma tal-awtur, it-tieni sentenza tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament ma toħloqx bażi bħal din, imma tillimita l-obbligi tal-azzjonista biex jikkontribwixxi l-kapital tiegħu sa ċertu ammont minghajr ma tiddefinixxi jekk l-obbligu japplikax biss internament jew ukoll esternament. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li jista' jinkiser il-prinċipju tas-separazzjoni bejn il-kumpannija u l-membri tagħha u tkun tista' tittieħed azzjoni kontra l-membri, fejn l-interessi tal-krediturі ma jistgħux jiġu sodisfatti b'xi mod ieħor.

eżaminat, jekk id-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 68/151, u fil-pass li jmiss, jekk hijiex kompatibbli mar-rekwiżiti stipulati mid-direttiva.

1. Id-dritt sekondarju bħala kuntest ta' eżami

a) L-applikabbiltà tad-Direttiva 68/151

i) L-eżistenza ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 68/151

36. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 68/151 jiddefinixxi l-grupp tradizzjonali ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju, inkluża l-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, li hija l-forma li ħa r-rikorrent fil-proċeduri prinċipali konformi mad-dispożizzjonijiet Griegi rilevanti. Konsegwentement, minħabba din ir-rabta formali ma' forma speċifika ta' kumpannija, id-direttiva tapplika tal-inqas *ratione personae*.

37. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk id-Direttiva 68/151 tapplikax *ratione materiae*. Għal dan il-għan il-prinċipju ta' limitazzjoni tar-responsabbiltà fir-rigward tal-obbligi ta' kumpannija b'kapital azzjonarju jrid ikollu xi forma ta' rikonoxximent.

ii) Ir-rikonoxximent tal-limitazzjoni tar-responsabbiltà

38. Id-dritt tal-kumpanniji kien is-suġġett ta' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li jindikaw skema ġenerali li essenzjalment hija kompluta [18]. Taħt din l-iskema, il-kumpannija b'kapital azzjonarju hija legalment awtonoma u għandha kapital minimu maqsum f'azzjonijiet. L-azzjonisti huma eżentati mir-responsabbiltà għad-djun tal-kumpannija; is-sottoskrizzjoni u ż-żamma tal-kapital tal-kumpannija jiġu żgurati permezz ta' regoli adatti. L-istruttura organizzattiva tal-kumpannija hija kkaratterizzata bis-separazzjoni tal-amministrazzjoni u l-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti u fil-livell ta' amministrazzjoni bis-separazzjoni tal-amministrazzjoni tan-negozju u s-superviżjoni. Dan jgħodd irrispettivament minn jekk isirx provvediment fil-livell maniġerjali għal żewġ korpi separati (is-sistema duwalistika) jew korp wieħed (is-sistema monistika); il-dritt tal-kumpanniji tal-Unjoni Ewropea joffri għażla bejn iż-żewġ mudelli. Bħala prinċipju, l-azzjonijiet huma liberament trasferibbli u negozjabbli; l-azzjonisti għandhom l-istess drittijiet (b'mod partikolari drittijiet ta' vot u drittijiet ta' dividendi) u dmirijiet (kontribuzzjoni ta' kapital). Hemm regoli dettaljati dwar rappurtaġġ finanzjarju; il-kotba tal-kontijiet huma suġġetti għal verifika finali u żvelar. Ir-regoli li jirregolaw gruppi ta' kumpanniji huma ntiżi biex jindirizzaw din

18 — Din hija l-istess pożizzjoni li jieħu P. Behrens, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 15, p. 8, li jirreferi għal bosta karatteristiċi tad-dritt tal-Unjoni Ewropea dwar kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata.

il-kwistjoni partikolari ta' kumpanniji assoċjati. Madankollu, dan il-kunċett globali ta' dritt tal-kumpanniji huwa kkontestat fost l-Istati Membri fir-rigward ta' punti importanti, bħall-istruttura tal-korp amministrattiv, bir-riżultat li l-miżuri ta' approssimazzjoni f'dan ir-rigward għadhom ma ġewx implementati.

39. Fir-rigward tal-aspett rilevanti tal-limitazzjoni tar-responsabbiltà, għandu jiġi ddikjarat li d-Direttiva 68/151 evidentement tirrikonoxxi dan bħala prinċipju ta' liġi li jirregola l-kumpanniji li għandhom kapital azzjonarju [19]. Għalhekk, it-tielet premessa ta' din id-direttiva tenfasizza d-dikjarazzjoni tal-leġiżlatur li fir-rigward tal-kumpanniji elenkati fl-Artikolu 1 "l-uniċi salvagwardji li huma joffru lill-partijiet terzi huma l-attiv tagħhom". Barra minn hekk, l-Artikolu 7 ta' din id-direttiva jinkludi regola li tistipula r-responsabbiltà *in solidum* għall-obbligi tal-kumpannija li jirriżultaw mill-azzjonijiet li jsiru f'isem il-kumpannija qabel ma akkwistat il-personalità ġuridika. Dan jindika wkoll ir-rikonoxximent tal-prinċipju msemmi iktar 'il fuq tas-separazzjoni bejn l-attiv tal-kumpannija u l-attiv tal-azzjonisti. Formulazzjoni simili għat-tielet premessa ta' din id-direttiva tista' tinstab ukoll, b'referenza għar-regoli stipulati hemmhekk, fid-Direttiva 78/660 [20], li tipprovdi li "koordinazzjoni simultanea hija meħtieġa f'dawn l-oqsma għal dawn il-forom ta' kumpanniji għaliex ... ma joffru ebda salvagwardji lil terżi 'l hinn mill-ammonti tal-attiv nett tagħhom". Barra minn hekk, id-Direttiva 89/667, li ssemmiet mill-qorti tar-rinviju u mill-partijiet, evidentement ukoll tipproċedi abbażi tal-eżistenza ta' prinċipju simili, fejn il-limitazzjoni tar-responsabbiltà tiġi deskritta bħala "strument legali" neċessarju għal "kumpanniji ta' membru wieħed" [21].

40. Jien għalhekk nikkonkludi li fl-adozzjoni tad-direttiva inkwistjoni il-leġiżlatur tal-Komunità ma stipulatx espressament il-limitazzjoni tar-responsabbiltà, imma evidentement ipproċeda abbażi ta' prinċipju bħal dan fis-sistemi nazzjonali ta' dritt tal-kumpanniji u d-dritt Komunitarju mhux miktub rilevanti [22]. Dan ċertament ma jgħid xejn dwar il-kontenut normativ preċiż.

19 — Ara, f'dan ir-rigward, G.C. Schwarz, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 289, p. 187 li fil-fehma tiegħu l-limitazzjoni tar-responsabbiltà għall-attiv tal-kumpannija fil-letteratura legali titqies li hija karatteristika tal-kumpanniji koperti bid-Direttiva 68/151.

20 — Ir-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE, tal-25 ta' Lulju 1978, ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 21 1978).

21 — Il-kumpannija ta' membru wieħed hija kumpannija b'kapital azzjonarju fejn l-azzjonijiet kollha jinżammu minn persuna fiżika jew ġuridika waħda. Għaldaqstant, tirrigwarda fil-prattika kummerċjant waħdu (impriża individwali) li jipparteċipa f'relazzjonijiet legali permezz tal-kumpannija tiegħu b'responsabbiltà limitata, imma li r-responsabbiltà tagħha hija limitata għall-ammont tal-kontribuzzjonijiet tiegħu.

22 — Ara wkoll f'dan is-sens S. Grundmann (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, Artikolu 9, punt 286, p. 127).

Jien se nikkunsidra dan meta ħa neżamina l-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet nazzjonali kkontestati mad-Direttiva 68/151.

iii) Responsabbiltà għall-obbligi tal-kumpannija b'kapital azzjonarju

41. Filwaqt li d-Direttiva 68/151 tirrikonoxxi l-limitazzjoni tar-repsonsabbiltà għall-attiv tal-kumpannija, dan huwa biss għal "obbligi" li tkun daħlet għalihom il-kumpannija, kif inhu evidenti mit-tieni premessa. Dan iqajjem id-domanda jekk dan il-kunċett ikoprix ukoll multi imposti mill-Istat.

42. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod konsistenti [23] li l-eżiġenzi kemm ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju kif ukoll tal-prinċipju ta' trattament ugwali, jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni ta' dritt Komunitarju li, ma jinkludu ebda referenza espliċita għal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri sabiex jiġi stabbilit is-sens u l-iskop tagħha, għandhom normalment jingħataw interpretazzjoni awtonoma u uniformi fil-Komunià kollha; din l-interpretazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Madankollu, jekk il-leġiżlatur tal-Komunità jirriferi b'mod impliċitu għall-użu nazzjonali f'att Komunitarju, mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti definizzjoni tal-Komunità uniformi tat-terminu użat [24].

43. Madankollu, id-direttiva la tinkludi definizzjoni legali ta' dan il-kunċett legali vag u lanqas ma tista' tiġi dedotta minnha xi gwida għall-interpretazzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li d-dritt tal-kumpanniji tal-Unjoni Ewropea ma jipprovax jagħmel uniformi b'mod eżawrjenti r-regoli tal-Istati Membri dwar kumpanniji uniformi, imma s'issa sempliċement irregola aspetti individwali tad-dritt tal-kumpanniji permezz tal-approssimazzjoni tal-liġijiet billi juża t-teknika regolatorja tad-direttiva [25], li tispjega wkoll l-użu ta' espressjonijiet "tikkoordina" u "tagħmel ekwivalenti" fl-Artikolu 44(2)(g) KE. Dan jimplika grad iktar baxx ta' armonizzazzjoni. Dan jiddistingwi d-direttivi bbażati fuq l-Artikolu 44(2)(g) KE minn atti legali fil-qasam tad-dritt

23 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Jannar 1984, Ekro (372/82, Ġabra p. 107, punt 11); tad-19 ta' Settembru 2000, Linster (C-287/98, Ġabra p. I-6917, punt 43); tad-9 ta' Novembru 2000, Yiadom (C-357/98, Ġabra p. I-9265, punt 26); tas-6 ta' Frar 2003, SENA (C-245/00, Ġabra p. I-1251, punt 23); tat-12 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Portugal (C-55/02, Ġabra p. I-9387, punt 45); tas-27 ta' Jannar 2005, Junk (C-188/03, Ġabra p. I-885, punti 27 sa 30); u tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, Ġabra p. I-11519, punt 31).

24 — Sentenza Ekro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23, punt 14).

25 — Skont P. Jung/W. Müller-Huschke, *EU Kommentar* (ed. Jürgen Schwarze), it-tieni Edizzjoni, Baden-Baden 2009, Artikolu 44 KE, punt 14, isegwi mill-formulazzjoni tal-Artikolu 44(2)(g) KE ("tikkoordina", "tagħmel ekwivalenti") u mill-konnessjoni skematika tagħha mar-regola dwar kompetenza stipulata fl-Artikolu 44(1) KE, li hija llimitata għall-adozzjoni ta' direttivi, li l-għan mhuwiex li l-liġi ssir uniformi, imma li tiġi biss approssimata. Ara wkoll K. Hempel, (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12), Artikolu 44, punt 13, p. 17. S. Prats Jané, *Evolución del Derecho societario europeo*, Badajoz 2007, p. 13 jenfasizza d-differenza fundamentali bejn l-approssimazzjoni ta' liġijiet u l-unifikazzjoni tal-liġi. G. Mustaki/V. Engammare, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, p. 105 jiddikjaraw li t-Trattat KE jistipula biss id-dmir li tiġi kkoordinata l-liġi, u mhux li ssir uniformi, li tippermetti li l-Istati Membri jżommu karatteristiċi nazzjonali fid-dritt tal-kumpanniji.

tal-kumpanniji tal-Unjoni Ewropea, li ġew adottati, pereżempju, abbażi tal-Artikolu 95 KE. Il-kunċett ta' "approsimazzjoni ta' liġijiet" użat fl-Artikolu 95 KE ma għandux jiġi interpretat b'mod tekniku, peress li jkopri kemm l-approssimazzjoni f'sens iktar strett u l-unifikazzjoni tal-liġijiet [26]. Irrispettivament minn dan, l-Artikolu 95 KE jippermetti mhux biss li jiġu adottati direttivi, imma li jsiru wkoll regolamenti u li jittieħdu deċiżjonijiet, bħall-miżuri l-oħra vinkolanti fis-sens tal-Artikolu 249 KE.

44. Barra minn hekk, il-liġijiet jiġu approssimati, kif inhu espressament ċar mill-bażi legali tal-Artikolu 44(2)(g) KE, sa fejn *huwa biss neċessarju*. Din il-formulazzjoni turi li l-prinċipju ta' sussidjarjetà kien diġà stabbilit hawnhekk qabel ma ġie stipulat b'mod formali fl-Artikolu 5(2) [27]. L-azzjoni tal-Unjoni għalhekk tirrikjedi li l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu sew mill-Istati Membri u għaldaqstant jistgħu, minħabba d-daqs jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju. Abbażi ta' din il-formulazzjoni u l-pożizzjoni skematika tal-Artikolu 44(2)(g) KE, huma biss miżuri ta' approssimazzjoni legali li effettivament ineħħu jew tal-inqas inaqqsu l-ostakoli għall-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment għal kumpanniji li jirriżultaw mid-differenzi bejn ir-regoli tad-dritt tal-kumpanniji tal-Istati Membri li huma neċessarji fil-liġi dwar il-libertà ta' stabbiliment. Madankollu m'hemm xejn fid-direttiva li jindika li l-leġiżlatur kkunsidra li kien neċessarju li jiġu stabbiliti regoli li japplikaw f'dan il-qasam f'kull parti tal-Unjoni Ewropea.

45. In-nuqqas ta' definizzjoni sostantiva tal-kunċett ta' obbligi ta' kumpannija għalhekk jindika li l-leġiżlatur evidentement ma kellux l-intenzjoni li jarmonizza dan il-kunċett, imma minflok ried iħalli skop għal formulazzjoni legali iktar preċiża fil-liġi nazzjonali. Peress li l-leġiżlatur ma eżerċitax il-kompetenza regolatorja tiegħu f'dan il-qasam, imma rrefera impliċitament għal-liġi tal-Istati Membri, il-Qorti tal-Ġustizzja hija ostakolata milli tagħti definizzjoni uniformi lil dan il-kunċett skont id-dritt Komunitarju.

46. Għalhekk hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina, abbażi tal-liġi nazzjonali tagħha, jekk multi imposti mill-istat jistgħux jitqiesu bħala obbligi ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata. Skont id-digriet tar-rinviju, id-domanda ngħatat risposta negattiva mill-maġġoranza tal-membri tal-qorti tar-rinviju. Madankollu, minoranza tal-membri tal-qorti tar-rinviju rrispondew fl-affermattiv billi rreferew għal-libertà ekonomika protetta taħt il-Kostituzzjoni Griega u għall-prinċipji rikonoxxuti fid-dritt tal-kumpanniji ta' dan l-Istat Membru.

26 — Ara wkoll G.C. Schwarz, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 201, p. 129.

27 — Fil-letteratura legali tittieħed il-pożizzjoni li l-eżerċizzju ta' din il-kompetenza ta' koordinazzjoni hija suġġetta għall-proporzjonalità msemmija fl-Artikolu 5(3) KE. Xi awturi huma tal-opinjoni li r-rekwiżit tan-neċessità fl-Artikolu 44(2)(g) huwa kkonkretizzat fil-prinċipju tas-sussidjarjetà (ara P. Behrens, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, paragrafu 6a, p. 4). Min-naħa l-oħra, G.C. Schwarz, (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 198, p. 128), jqiesha bħala espressjoni bikrija tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

47. Jekk il-qorti tar-rinviju għandha tiddeċiedi li l-multi ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala obbligi ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata abbażi tal-liġi nazzjonali, ikollu jiġi dedott fil-każ preżenti li d-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata ma taqax fl-iskop tad-Direttiva 68/151. Id-domanda dwar il-kompatibbiltà jkollha għalhekk tingħata risposta fis-sens li, f'każ bħal dan, id-Direttiva 68/151 ma tipprekludix dispożizzjoni bħall-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/95.

48. Fid-dawl tal-fatt li ma ntlaħqitx opinjoni uniformi dwar din il-kwistjoni legali fl-ordinament legali Grieg u fid-dawl tal-ħtieġa li tingħata lill-qorti tar-rinviju risposta utli għad-domanda tagħha [28], huwa neċessarju, li sussidjarjament, tiġi eżaminata wkoll iktar 'l isfel il-pożizzjoni legali fl-eventwalità li multi ma ġewx kklassifikati bħala obbligi tal-kumpannija li jiskattaw ir-responsabbiltà tal-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata u, fejn applikabbli, fil-każ ta' estensjoni ta' responsabbiltà, b'mod eċċezzjonali anki tal-azzjonisti.

28 — Fis-sentenza tat-12 ta' Lulju 1979, Union Laitière Normande (C-244/78, Ġabra p. 2663, punt 5), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, filwaqt li l-Artikolu [234 KE] ma jippermettix lill-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa r-raġunijiet tat-talba għal deċiżjoni preliminari, il-ħtieġa li tingħata interpretazzjoni utli tad-dritt Komunitarju jistgħu jagħmluha essenzjali li jitfisser il-kuntest ġuridiku li fih għandha titqiegħed l-interpretazzjoni mitluba. Fil-fehma ta' K. Lenaerts/A. Arts/I. Maselis, *Procedural Law of the European Union*, it-tieni Edizzjoni, p. 188, punt 6-021, m'hemm xejn li jostakola lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tistabbilixxi l-analiżi tal-fatti li tat lok għall-proċeduri prinċipali u ta' ċerti aspetti tal-liġi nazzjonali bħala l-bażi ta' interpretazzjoni utli tal-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli u l-prinċipji tad-dritt Komunitarju.

iv) L-iskop tar-responsabbiltà ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata

49. Peress li d-Direttiva 68/151 ukoll ma tipprovdi ebda dispożizzjoni għal restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha *ratione materiae* skont ċerti kategoriji ta' obbligi tal-kumpannija, imma tkopri b'mod ġenerali l-forma ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, dispożizzjoni bħal pereżempju l-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/95 taqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 68/151.

b) Kompatibbiltà mad-Direttiva 68/151

50. Bid-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju qed tipprova tivverifika jekk l-Artikolu 1 tad-Direttiva 68/151 jipprojbixxix dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/95. Dan inevitabbilment iqajjem il-kwistjoni tal-kompatibbiltà ta' dispożizzjoni bħal din mad-dritt Komunitarju, li fir-rigward tiegħu għandu jitfakkar li mhuwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li, fil-kuntest ta' proċeduri għal deċiżjoni preliminari, tevalwa l-konformità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt Komunitarju u lanqas mhuwa l-kompitu tagħha li tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti sabiex tagħti lill-qorti tar-rinviju l-elementi ta' interpretazzjoni kollha tad-dritt Komunitarju li jistgħu jippermettulha tevalwa

tali konformità sabiex tiddeċiedi l-kawża li jkollha quddiemha [29].

51. Għaldaqstant huwa xieraq għall-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kawża preżenti, li tillimita l-eżami tagħha billi tipprovdi interpretazzjoni tad-dritt Komunitajru li tkun utli għall-qorti tar-rinviju, li min-naħa tagħha din tal-aħħar għandha tevalwa l-konformità tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali kkonċernati mad-dritt Komunitarju, sabiex tiddeċiedi l-kawża pendenti quddiemha [30].

52. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 68/151 jipprojbixxi dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/95 biss fil-każ li din tinkludi dispożizzjoni eżawrjenti li tirregola l-limitazzjoni tar-responsabbiltà għall-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata li tipprekludi r-responsabbiltà milli tiġi estiża għall-azzjonisti fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża.

53. Kif diġà ntqal, huwa possibbli li wieħed jara fid-Direttiva 68/151 ir-rikonoxximent tal-prinċipju tas-separazzjoni bejn l-attiv tal-kumpannija u l-attiv tal-azzjonisti [31], imma dan ma jimplikax b'mod awtomatiku dispożizzjoni eżawrjenti f'dan il-qasam. Kif stqarret korrettament il-Kummissjoni, id-Direttiva 68/151 ma tipprovax, pereżempju, tarmonizza l-forma tal-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, kif inhi magħrufa fis-sistema legali tal-Istati Membri. Kif diġà ġie spjegat [32], il-bażi legali tagħha fl-Artikolu 44(2)(g) KE isservi biex tapprossimizza l-liġijiet, imma mhux biex tagħmilhom uniformi. Din id-dispożizzjoni wkoll ma tistax tiġi invokata bħala l-bażi għall-ħolqien ta' forom supranazzjonali ta' kumpanniji. Id-direttivi adottati abbażi ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat ma jipprovawx jirregolaw id-dritt tal-kumpanniji b'mod komprensiv. Dawn ma joħolqux liġi uniformi, imma biss jarmonizzaw oqsma individwali, u jħallu setgħa diskrezzjonali lill-Istati Membri permezz tat-teknika regolatorja tad-direttivi. L-għan tad-direttivi huwa li jintroduċu salvagwardji sostanzjalment ekwivalenti għall-azzjonisti u l-krediturі fl-Unjoni [33].

54. Huwa veru li l-Artikolu 1 tad-Direttiva 68/151 sempliċement jistipula għal kull Stat Membru individwali l-forom ta' kumpanniji li għalihom huma intiżi li japplikaw l-obbligi dwar żvelar stipulati fid-Direttiva 68/151. Din id-dispożizzjoni la tiddefinixxi ċerti forom ta' kumpanniji, u lanqas torbothom ma' karatteristiċi speċifiċi. Minflok, tintuża lista sempliċi biex torbot mal-forom ta' kumpanniji li diġà jeżistu fis-sistema legali

29 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1993, Hünermund *et* (C-292/92, Ġabra p. I-6787, punt 8); tat-23 ta' Marzu 2006, Enirisorse (C-237/04, Ġabra p. I-2843, punt 24); tal-31 ta' Jannar 2008, Centro Europa 7 (C-380/05, Ġabra p. I-349, punti 49 u 50); u tas-16 ta' Diċembru 2008, Michaniki (C-213/07, Ġabra p. I-9999, punt 51).

30 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Michaniki (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, punt 52).

31 — Ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

32 — Ara l-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

33 — Ara f'dan is-sens, K. Hempel, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, Artikolu 44, punt 13, p. 17.

tal-Istati Membri [34]. Għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jiġu ostakolati milli jimponu obbligi addizzjonali fuq it-tipi ta' kumpanniji elenkati, sakemm dawn ma jkunux kontra d-direttiva jew dispożizzjonijiet oħra tad-dritt Komunitarju.

55. Pereżempju, mhuwiex possibbli li tiġi ċċitata xi dispożizzjoni waħda ta' direttiva li teżigi lill-Istati Membri li jippreskrivu fid-dritt tal-kumpanniji tagħhom li r-responsabbiltà ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata għandha tiġi llimitata għall-attiv tal-kumpannija, għalkemm ħafna sistemi legali nazzjonali jistipulaw dispożizzjonijiet bħal dawn [35] Pjuttost, l-oppost jidher li huwa l-każ, speċjalment minħabba li fil-ħames premessa tagħha d-Direttiva 89/677 tinvoka l-prinċipju tal-limitazzjoni tar-responsabbiltà bħala "strument legali" neċessarju ta' kumpannija ta' membru wieħed, imma fl-istess ħin dan huwa bla preġudizzju għal-liġijiet tal-Istati Membri "li, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jeħtieġu li l-intraprenditur ikun responsabbli mill-obbligazzjonijiet tal-intrapriża tiegħu". Dan jissuġġerixxi li d-derogi għal-limitazzjoni ta' responsabbiltà huma perfettament legali taħt id-dritt Komunitarju. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Komunità ma jirregolhomx huwa stess. Kif turi d-Direttiva 89/667, madankollu, il-leġiżlatur tal-Komunità jippermetti dan [36], b'mod espliċitu għal xi kategoriji definiti b'mod ċar [eż. l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/667] u b'mod inqas espliċitu u daqstant ġenerali, klawżoli ġenerali għal oħrajn (il-ħames premessa: "f'ċirkustanzi eċċezzjonali"). Filwaqt, li skont is-sitt premessa, l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/667 għandu jitqies bħala eżawrjenti, l-estensjoni tar-responsabbiltà għall-azzjonisti abbażi ta' "ċirkustanzi eċċezzjonali" fis-sens tal-ħames premessa għandha tkun iġġustifikata miċ-ċirkustanzi tal-każ individwali.

56. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet iċċitati, madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li dawn japplikaw biss għal kumpanniji b'membru wieħed. Min-naħa l-oħra, m'hemm l-ebda dispożizzjoni komparabbli fid-Direttiva 68/151, li hi applikabbli fil-każ

34 — Ara f'dan is-sens ukoll A. Grünwald, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, p. 13, li jirrileva li d-direttivi tal-Unjoni, fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji, huma marbuta biss mal-kriterju formali tal-forma legali. Minħabba dan il-fatt u fid-dawl tad-distribuzzjoni differenti ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata, fil-fatt hemm livelli differenti ħafna ta' armonizzazzjoni fl-Istati Membri. G. C. Schwarz, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 282, p. 182 isostni li d-direttivi tal-Unjoni fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji ma jkoprux lill-kumpanniji kollha li jgawdu wkoll mil-libertà ta' stabbiliment. Pjuttost l-iskop tad-direttivi jkopri sa ċertu punt, forom ta' kumpanniji fl-Istati Membri individwali li ġew elenkati speċifikament. Għalhekk tinħata preferenza lit-teknika regolatorja tal-enumerazzjoni pjuttost milli kunċetti ġenerali li jeħtieġu interpretazzjoni. Fl-Artikolu 1 tad-direttiva jew proposta għal direttiva rilevanti jsemmi l-forom legali ta' kumpanniji li huma intiżi li japplikaw għalihom il-miżuri ta' koordinament.

35 — Ara f'dan is-sens E. Werlauff, *EU-Company Law*, it-tieni Edizzjoni, Copenhagen 2003, p. 40. L-awtur jispjega minn naħa li d-dispożizzjonijiet tad-direttivi fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji ma jobbligawx lill-Istati Membri, bħala element essenzjali tad-definizzjoni tagħhom ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, li jistipulaw li r-responsabbiltà ta' kumpannija hija limitata għall-attiv tal-kumpannija, anki jekk dispożizzjonijiet bħal dawn jeżistu f'ħafna sistemi legali nazzjonali. Min-naħa l-oħra, l-awtur jirrileva li d-dispożizzjonijiet eżistenti tad-direttivi mhumiex se jipprekludu lill-Istati Membri milli jżommu, jew permezz tal-operazzjoni tal-liġi jew permezz tal-ġurisprudenza li f'ċerti każijiet timponi fuq l-azzjonisti responsabbiltà diretta għall-passiv tal-kumpannija skont il-prinċipju tal-estensjoni tar-responsabbiltà (bil-Ġermaniż "Haftungsdurchgriff" ; bid-Daniż "ansvarsgenombrott", bl-Ingliż "principle of lifting of the veil").

36 — Ara f'dan is-sens ukoll Grundmann, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, Artikolu 9, punt 288, p. 128.

preżenti. Lanqas m'hemm xi eċċezzjonijiet li jippermettu l-estensjoni tar-responsabbiltà lil hinn mil-limitazzjoni tagħha fil-motivi ċċitati mill-Gvern Grieg. Skont il-Gvern Grieg, id-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata hija ġġustifikata abbażi ta' raġunijiet ta' interess pubbliku u soċjali. Il-multa, li tfasslet bħala restrizzjoni fuq l-attività ekonomika tal-azzjonisti, hija ġġustifikata ladarba l-membri, permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti u bil-ħatra tal-korpi amministrattivi, huma f'pożizzjoni li jiżguraw li l-leġiżlazzjoni u r-regoli ta' kondotta tajba li jirregolaw l-operazzjoni ta' stazzjonijiet televiżivi jiġu osservati [37].

57. Fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa fid-Direttiva 68/151, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-poter li tippreskrivi l-estensjoni eċċezzjonali tar-responsabbiltà għall-azzjonisti ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata jaqa' fil-kompetenza tal-leġiżlatur nazzjonali [38]. Fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni, bħala prinċipju huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu sa liema punt jixtiequ jieħdu inkunsiderazzjoni l-protezzjoni tal-interess inkwistjoni fir-rigward tal-estensjoni tar-responsabbiltà għall-azzjonisti ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata.

58. Fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentement, ir-risposta għad-domanda preliminari għandha tkun li d-Direttiva 68/151 tipprojbixxi dispożizzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/1995, li tispeċifika li l-multi previsti fil-paragrafi preċedenti ta' dan l-artikolu għal ksur tal-leġiżlazzjoni u tar-regoli ta' kondotta tajba li jirregolaw l-operat ta' stazzjonijiet televiżivi huma imposti *in solidum* kemm fuq il-kumpannija li għandha l-liċenzja biex twaqqaf u topera l-istazzjon televiżiv kif ukoll fuq l-azzjonisti kollha b'sehem ta' iktar minn 2.5 %.

2. Kompatibbiltà mad-dritt primarju

a) Ammissibbiltà ta' dipendenza fuq id-dritt primarju

59. Kif diġà ġie ddikjarat, il-poter fundamentali tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi obbligi addizzjonali fuq it-tipi ta' kumpanniji elenkati fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 68/151 huwa ristrett bir-rekwiżiti

37 — Ara l-punti 9 u 10 tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Grieg.

38 — Ara s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1997, Coöperatieve Rabobank (C-104/96, Ġabra p. I-7219, punti 22 sa 24), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-kompetenza regolatorja tal-leġiżlatur ta' kull Stat Membru fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa fid-Direttiva 68/151. Din il-kawża dwar il-kwistjoni jekk liġi nazzjonali tistax tistipula wkoll restrizzjonijiet fuq il-poter istituzzjonali ta' rappreżentanza għal każijiet individwali fejn terz ma kienx jaf effettivament bi ksur. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet din id-domanda fl-affermattiv abbażi li l-leġiżlatura tal-Komunità ma kellix il-ħsieb li tirregola dawn il-każijiet (ta' konflitti ta' interess u ta' konfużjoni ta' interessi) u li kien hemm lakuna legali. Il-lakuna kellha tingħalaq bil-liġi nazzjonali.

ulterjuri tad-dritt Komunitarju [39], inklużi d-dispożizzjonijiet tal-liġi primarja dwar il-libertà ta' stabbiliment [40]. L-ewwel nett, id-direttivi msemmija iktar 'il fuq huma speċifikament intiżi biex jgħinu ħalli tinkiseb din il-libertà fundamentali, kif inhu espressament iddikjarat fl-Artikolu 44(1) KE. It-tieni nett, fis-sentenza Daihatsu [41], dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 68/151, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li l-Artikolu 44(2)(g) KE għandu jiġi interpretat fid-dawl tad-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt primarju [42].

60. Għalkemm talba għal interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet mhijiex espliċitament apparenti fid-domanda għal deċiżjoni preliminari, madankollu l-qorti tar-rinviju tirreferi għalihom f'waqtiet fid-digriet tar-rinviju tagħha [43], li jissuġġerixxi li hi konxja tar-rilevanza ta' dawk id-dispożizzjonijiet għad-deċiżjoni fil-proċeduri prinċipali. Barra minn hekk, fl-osservazzjonijiet tagħha l-Kummissjoni kkummentat fil-qosor dwar il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata mal-Artikoli 43 KE u 48 KE.

61. Hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tipprovdi lill-qorti nazzjonali bl-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li jistgħu jintużaw sabiex il-kawża li hija jkollha quddiemha tiġi deċiża, indipendentement minn jekk hija tagħmilx jew le riferiment fid-domandi li tkun irrinvjat [44]. Fid-dawl tal-effetti li deċiżjoni preliminari se jkollha fuq l-ordni legali tal-Greċja, jidher li jkun essenzjali li d-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq jiġu kkunsidrati fil-kuntest ta' eżami ta' din il-kawża.

b) Il-libertà ta' stabbiliment

i) L-applikabbiltà tal-Artikoli 43 KE u 48 KE

62. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 43 KE, il-libertà ta' stabbiliment tinkludi d-dritt li tibda u teżerċita attivitajiet bħala persuna li

39 — Ara l-punt 54 ta' dawn il-konklużjonijiet.

40 — Ara S. Grundmann, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, Artikolu 9, punt 311, p. 136 li jadotta b'mod ċar dan l-approċċ. L-awtur jeżamina jekk l-Istati Membri għandhomx il-poter li jiddefinixxu derogi għall-prinċipju tal-limitazzjoni tar-responsabbiltà ta' kumpannija b'kapital azzjonarju. L-awtur jieħu l-pożizzjoni li jkun konċepibbli wkoll li wieħed jargumenta li m'hemm ebda poter li l-leġiżlatura nazzjonali tiġi pprojbita milli testendi r-responsabbiltà ulterjorment u d-direttiva għandha tiġi interpretata b'dak il-mod (skont il-liġi primarja). L-awtur jidher li qiegħed jipproponi eżami tar-regoli tal-liġi primarja dwar il-libertà ta' stabbiliment. M. Habersack, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, Artikolu 1, punt 3, p. 1, jirrileva li l-libertajiet fundamentali jimponu limiti fuq l-libertà organizzattiva tal-leġiżlatura nazzjonali irrispettivament mill-ħolqien ta' dritt sekondarju.

41 — Sentenza tal-4 ta' Diċembru 1997, Daihatsu (C-97/96, Ġabra p. I-6843).

42 — *Ibid.*, punt 18. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet: "L-Artikolu 54(3)(g) għandu jinqara fid-dawl ta' mhux biss l-Artikoli 52 u 54 tat-Trattat KE, li juru b'mod ċar li l-koordinament tas-sistemi tad-dritt tal-kumpanniji jifforma parti mill-programm ġenerali għall-abolizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment, imma anki tal-Artikolu 3(h) ta' dan it-Trattat, li jistipula li l-attivitajiet tal-Komunità għandhom jinkludu l-approssimazzjoni ta' liġijiet nazzjonali sa fejn neċessarju għall-funzjonament tas-suq komuni."

43 — Ara l-paġni 5 u 7 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

44 — Ara s-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1990, SARPP (C-241/89, Ġabra p. I-4695, punt 8); tat-2 ta' Frar 1994, Verband Sozialer Wettbewerb, "Clinique" – Urteil (C-315/92, Ġabra p. I-317, punt 7); tal-4 ta' Marzu 1999, Consorzio per la tutela del formaggio Gorgonzola (C-87/97, Ġabra p. I-1301, punt 16); tas-7 ta' Settembru 2004, Trojani (C-456/02, Ġabra p. I-7573, punt 38); u tas-17 ta' Frar 2005, Oulane (C-215/03, Ġabra p. I-1215, punt 47).

taħdem għal rasha, kif ukoll li tikkostitwixxi u tmexxi impriżi u b'mod partikolari kumpanniji u ditti fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 48, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti għaċ-ċittadini tagħhom stess bil-liġi tal-pajjiż fejn tali stabbiliment jiġi stabbilit. Għalhekk huma l-ewwel u qabel kollox in-negozjanti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' din il-libertà fundamentali.

63. Barra dan, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li japplikaw għaż-żamma, minn ċittadini ta' Stat Membru fil-kapital ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, ta' sehem li jippermettilhom jeżerċitaw influwenza determinanti fuq id-deċiżjonijiet ta' din il-kumpannija u li jiddeterminaw l-attivitajiet tagħha, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment [45]. Bħala prinċipju, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 43 KE għalhekk għandu jipproteġi wkoll l-azzjonisti ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata, sakemm dawn ikollhom pożizzjoni determinanti xierqa f'din il-kumpannija [46].

64. Min-naħa l-oħra din il-kundizzjoni hija kruċjali biex issir distinzjoni fir-rigward tal-moviment liberu tal-kapital. Jekk iż-żamma ta' sehem mhijiex biżżejjed biex teżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjonijiet ta' kumpannija, il-libertà fundamentali rilevanti mhijiex il-libertà ta' stabbiliment, imma l-moviment liberu tal-kapital [47].

65. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tatx definizzjoni ġenerali ta' meta preċiżament ikun hemm influwenza deċiżiva li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment

45 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' April 2000, Baars (C-251/98, Ġabra p. I-2787, punt 22); tal-21 ta' Novembru 2002, X u Y (C-436/00, Ġabra p. I-10829, punt 37); tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, Ġabra p. I-7995, punt 31); tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (C-524/04, Ġabra p. I-2107, punt 27); tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-112/05, Ġabra p. I-8995, punt 13); tas-6 ta' Diċembru 2007, Columbus Container Services (C-298/05, Ġabra p. I-10451, punt 29); tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-207/07, Ġabra p. I-111, punt 60); tat-22 ta' Diċembru 2008, Truck Center (C-282/07, Ġabra p. I-10767, punt 25); tat-18 ta' Ġunju 2009, Aberdeen Property Fininvest Alpha (C-303/07, Ġabra p. I-5145, punt 34); u tal-21 ta' Jannar 2010, SGI (C-311/08, Ġabra p. I-487, punt 27). Digriet tal-4 ta' Ġunju 2009, KBC Bank *et* (C-439/07 u C-499/07, Ġabra p. I-4409, punt 70).

46 — Ara b'mod partikolari s-sentenza Baars (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 22). Din il-kawża kienet tirrigwarda ċittadin ta' Stat Membru li kien jgħix f'dan l-istess -Stat u kien il-proprjetarju tal-azzjonijiet kollha f'kumpannija li kellha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ż-żamma ta' 100% tal-azzjonijiet fil-kapital ta' kumpannija li jkollha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor bla dubju jġib lil din il-persuna taxxabbli fi ħdan l-iskop tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar id-dritt tal-istabbiliment.

47 — Ara f'dan is-sens Randelzhofer/Forsthoff, Das Recht der Europäischen Union (ed. Grabitz/Hilf), Artikolu 43, punt 115, p. 31, u Ress/Ukrow, Artikolu 56, punt 156, p. 68. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Alber tal-14 ta' Ottubru 1999 fil-kawża Baars (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 33) fejn l-Avukat Ġenerali spjega li l-linja bejn is-sempliċi investiment ta' kapital f'azzjonijiet f'impriża stabbilita fi Stat Membru ieħor u l-istabbiliment attwali f'dak l-Istat Membru għandha probabbilment tiġi stabbilita fil-punt fejn l-azzjonist jieqaf milli jikkonfina ruħu għas-sempliċi provvista ta' kapital b'sostenn għal attività ta' negozju partikolari li titwettaq minn persuna oħra, u jibda jsir involut huwa stess fit-tmexxija tan-negozju. Dan l-involviment jeħtieġ li l-azzjonist imur lil hinn milli sempliċement jeżerċita d-drittijiet tal-vot tiegħu, u li jipparteċipa b'mod li jagħmilha possibbli għalih li jeżerċita influwenza reali fuq id-deċiżjonijiet tan-negozju tal-kumpannija. Għal dan il-għan jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-regoli tad-dritt tal-kumpanniji fl-istat fejn l-impriża hija stabbilita. Ara, fl-aħħar nett is-sentenzi SGI (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punti 36 u 37), u Aberdeen Property Fininvest Alpha (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punti 34 u 35).

u, skont il-ġurisprudenza tagħha, dan jiġi ddeterminat abbażi taċ-ċirkustanzi fattwali u d-dritt tal-kumpanniji rilevanti [48]. Is-sentenza Baars [49], li tmur lura għaliha din il-ġurisprudenza stabbilita, fi kwalunkwe każ tkun tidher li tissuġġerixxi li dan huwa l-każ fejn, skont il-fatti tal-każ, hemm possibbiltà ta' "kontroll jew amministrazzjoni tal-kumpannija" li mhuwiex neċessarjament il-każ fejn ikun hemm investiment sostanzjali.

66. Bħala prinċipju hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddeċiedi [50], abbażi taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża u tad-dritt tal-kumpanniji rilevanti, jekk sehem ta' 2.5 % tal-kapital tal-kumpannija huwiex attwalment suffiċjenti biex jeżerċita influwenza definittiva fuq id-deċiżjonijiet tal-kumpannija u biex jiddetermina l-attivitajiet tagħha. F'dan il-punt għandu jkun hemm ċerti dubji dwar jekk din il-kundizzjoni tiġix osservata. Min-naħa l-oħra, wieħed għandu jżomm f'moħħu li dan il-persentaġġ jirrappreżenta biss livell minimu. Id-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata għalhekk tkopri wkoll azzjonijiet ferm ikbar fil-kapital tal-kumpannija li, fit-teorija, ikunu jistgħu jagħtu lill-membri inkwistjoni influwenza definittiva fuq id-deċiżjonijiet tal-kumpannija u li tippermettilhom jiddeterminaw l-attivitajiet tagħha fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

67. Fi kwalunkwe każ huwa ċar mid-digriet tar-rinviju [51] li l-maġġoranza tal-membri tal-qorti tar-rinviju jieħdu l-pożizzjoni li, minħabba r-regoli speċjali li japplikaw għal kumpanniji b'responsabbiltà limitata li joperaw stazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni, bħal pereżempju reġistrazzjoni ta' azzjonijiet eċċ., għandu jiġi dedott li l-azzjonisti ta' tali kumpanniji b'sehem ta' iktar minn 2.5 % fil-kapital azzjonarju tagħhom mhumiex investituri komuni; iżda investituri professjonali f'pożizzjoni li jinfluwenzaw l-amministrazzjoni tal-korp ġuridiku u, għalhekk l-operat tal-istazzjon televiżiv. Jekk wieħed jassumi li dawn id-dikjarazzjonijiet huma korretti, għandu jiġi dedott li l-azzjonisti tal-kumpannija inkwistjoni huma protettti bil-libertà ta' istabbiliment.

48 — Ara Randelzhofer/Forsthoff, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47, Artikolu 43, punt 115, p. 31, u Ress/Ukrow, Artikolu 56, punt 156, p. 68. Dawn tal-aħħar jirrilevaw li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, interess ta' inqas minn 25 % jista' possibbilment ikun suffiċjenti għal influwenza deċiżiva jekk il-proprjetarju tal-azzjonijiet b'xi mod jikseb influwenza determinanti fil-kumpannija possedenti li hu involut fiha ma' azzjonisti oħrajn. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sehem ta' 10 % biss tad-drittijiet tal-vot mhuwiex suffiċjenti bħala regola biex jeżerċitaw ċerta influwenza fuq id-deċiżjonijiet tal-kumpannija u tippermettilhom jiddeterminaw l-attivitajiet tagħha.

49 — Ara s-sentenza Baars (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 19).

50 — Ara s-sentenzi X u Y (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 37); Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 14); Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45; punti 35 sa 39 u 61) u tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs l-Italja (C-326/07, Ġabra p. I-2291, punti 38 u 39).

51 — Ara l-paġna 4 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

68. L-Artikolu 48 KE min-naħa l-oħra jistabbilixxi l-validità tal-kapitolu dwar id-dritt ta' stabbiliment għal kumpanniji u assoċjazzjonijiet irregolati bid-dritt privat u d-dritt pubbliku, li jiġu ttrattati taħt ċerti kundizzjonijiet bl-istess mod bħal persuni fiżiċi [52].

ii) Restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment

69. Peress li m'hemm xejn x'jissuġġerixxi li d-dispożizzjoni kkontestata tiġi applikata b'mod differenti għal kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata domestiċi u dawk barranin, wieħed għandu jassumi minn issa 'l quddiem li din id-dispożizzjoni mhijiex diskriminatorja.

— L-Artikolu 43 KE bħala projbizzjoni komprensiva fuq restrizzjonijiet

70. Għalhekk għandu jiġi eżaminat ukoll jekk din tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment fis-sens tal-Artikolu 43 KE u jekk tali restrizzjoni tistax possibbilment tiġi ġġustifikata. Skont ġurisprudenza stabbilita [53], l-Artikolu 43 KE jipprekludi kull miżura nazzjonali li, anki jekk applikabbli mingħajr diskriminazzjoni abbażi taċ-ċittadinanza, tista' tfixkel jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju, miċ-ċittadini Komunitarji, tal-libertà ta' stabbiliment iggarantita bit-Trattat.

71. Skont din il-ġurisprudenza, l-Artikolu 43 KE jinkludi mhux biss projbizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta u moħbija, imma jista' jiġi interpretat ukoll bħala projbizzjoni komprensiva fuq restrizzjonijiet. Restrizzjonijiet fis-sens tal-Artikolu 43 KE għalhekk mhux biss jinkludu regoli diskriminatorji, imma possibbilment anki regoli mhux diskriminatorji, jiġifieri miżuri li bħala regola ma jqiegħdux ċittadini barranin fi

52 — Ara Troberg/Tiedje, f': *Kommentar zum Vertrag über die Europäische Union und zur Gründung der Europäischen Gemeinschaft* (ed. Hans von der Groeben/Jürgen Schwarze), Artikolu 48, punt 1, p. 1596.

53 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-31 ta' Marzu 1993, Kraus (C-19/92, Ġabra p. I-1663, punt 32); tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard (C-55/94, Ġabra p. I-4165, punt 37); tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (C-212/97, Ġabra p. I-1459, punt 34); tal-1 ta' Frar 2001, Mac Quen *et* (C-108/96, Ġabra p. I-837, punt 26); tas-17 ta' Ottubru 2002, Payroll *et* (C-79/01, Ġabra p. I-8923, punt 26); tal-14 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi (C-299/02, Ġabra p. I-9761, punt 15); tat-30 ta' Settembru 2003, Inspire (C-167/01, Ġabra p. I-10155, punt 133); tal-21 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-140/03, Ġabra p. I-3177, punt 27); u tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauer (C-169/07, Ġabra p. I-721, punt 33). L-Artikolu 43 KE huwa sostanzjalment identiku għall-Artikolu tal-Ftehim ŻEE, li għar-rigward tal-interpretazzjoni tiegħu għandha ġurisdizzjoni l-Qorti tal-EFTA (fir-rigward tal-Istati tal-EFTA u taż-ŻEE). Konformi mar-rekwiżit ta' ġurisprudenza uniformi fiż-Żona Ekonomika Ewropea, il-Qorti tal-EFTA applikat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata iktar 'il fuq għal dawn id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim. Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Ġunju 2007, tal-Qorti tal-EFTA, ESA vs In-Norveġja (E-2/06, Ġabra p. 163, punt 64), u tas-7 ta' Mejju 2008, Seabrokers vs In-Norveġja (E-7/07, Ġabra p. 171, punt 50). Ara fuq il-prinċipju ta' uniformità u l-bżonn ta' djalogu bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-EFTA, C. Baudenbacher, "*The EFTA Court, the ECJ, and the latter's Advocates General: a tale of judicial dialogue*", Continuity and change in EU law: essays in honour of Sir Francis Jacobs, 2008, p. 120 *et seq*.

żvantaġġ intenzjonalment jew fl-effett attwali tagħhom [54]. L-Artikolu 43 KE essenzjalment jipprekludi kull regola nazzjonali li tista' tostakola jew "tagħmel inqas attraenti" l-eżerċizju tal-libertà ta' stabbiliment [55]. Permezz tal-ġurisprudenza tagħha dwar il-moviment liberu tal-merkanzija u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzju tat bidu għall-iżvilupp tal-libertajiet fundamentali minn projbizzjoni ta' diskriminazzjoni proporzjonata mal-kunċett tal-"identità strutturali tal-libertajiet fundamentali" għal projbizzjoni ġenerali fuq restrizzjonijiet [56].

72. Fil-fehma tiegħi, il-punt tat-tluq għal kunsiderazzjonijiet fl-eżami tan-natura restrittiva tad-dispożizzjoni kkontestata għandu jkun ix-xenarju ipotetiku fejn kumpannija stabbilita fl-Unjoni jew tittrasferixxi l-uffiċċju reġistrat tagħha għall-Greċja (libertà primarja ta' stabbiliment) jew twaqqaf fergħa hemmhekk (libertà sekondarja ta' stabbiliment) [57]. Ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà li tiġi estiża r-responsabbiltà ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata u għalhekk ir-riskju tar-responsabbiltà *in solidum* tal-azzjonisti għal ksur ta' leġiżlazzjoni u ta' regoli ta' kondotta tajba li jirregolaw l-operat ta' stazzjonijiet televiżivi, jista' jkollu effett ta' deterrent fuq impriżi li jixtiequ jitrasferixxu l-uffiċċju reġistrat tagħhom minn Stat Membru ieħor għall-Greċja jew li jwaqqfu stabbiliment hemmhekk. L-impożizzjoni ta' penali konnessa ma' multa finanzjarja kontra l-membri tagħha x'aktarx isservi ta' deterrent għal dik il-kumpannija u għall-azzjonisti tagħha biex ma joperawx fis-settur tal-medja Griega. Kif tispjega l-qorti tar-rinviju, l-estensjoni tar-responsabbiltà għall-membri tagħmel ix-xiri ta' azzjonijiet f'kumpanniji bħal dawn mhux attraenti [58]. Għalhekk id-dispożizzjoni kkontestata fil-prinċipju x'aktarx li tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju minn kumpanniji barranin tal-libertà ta' stabbiliment li hija ggarantita bit-Trattat.

73. Skont id-definizzjoni ġenerali ta' restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 43 KE, li ġiet

54 — Ara G. C. Schwarz, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 136, p. 89.

55 — Ara f'dan is-sens G. Mustaki/V. Engammare, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, p. 40; Prats Jané, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, p. 94, u U. Forsthoff/M. Schulz "*Gläubigerschutz* bei *EU-Auslandsgesellschaften*", Grenzüberschreitende Gesellschaften (ed. Heribert Hirte/Thomas Bücker), it-tieni Edizzjoni, Berlin 2006, punt 38, p. 82, u r-referimenti għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Bħala eżempju tradizzjonali ta' restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment imsemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 43 KE, P. Jung, *EU-Kommentar* (ed. Jürgen Schwarze), it-tieni Edizzjoni, Baden-Baden 2009, Artikolu 48 KE, punt 21, isemmi ħlasijiet ta' reġistrazzjonijiet fir-reġistru tal-kummerċ tal-kumpanniji jew tal-fergħat tagħhom.

56 — P. Ulmer, "*Schutzinstrumente gegen die Gefahren einer Geschäftstätigkeit inländischer Zweigniederlassungen von Kapitalgesellschaften mit fiktivem Auslandssitz*", Juristenzeitung 1999, p. 665, jirrileva li l-ġurisprudenza Cassis de Dijon żviluppata fil-qasam għall-moviment liberu tal-merkanzija tapplika wkoll fir-rigward tal-libertà tal-moviment, kif irrikonoxxut mill-ġurisprudenza l-iktar reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ara wkoll M. Habersack, iċċita fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, Artikolu 3, punt 4, p. 4, li jirreferi għall-kunċett wiesa' ta' restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi Kraus u Gebhard.

57 — Għandha tittieħed inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Settembru 1988, Daily Mail (C-81/87, Ġabra p. 5483, punt 25), li tikkonstata li fl-istat preżenti tad-dritt Komunitarju l-Artikoli 43 KE u 48 KE ma jikkonferixxu ebda dritt fuq kumpannija kkostitwita skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha hemmhekk li tittrasferixxi l-amministrazzjoni u l-kontroll ċentrali fi Stat Membru ieħor. Min-naħa l-oħra, fis-sentenza Centros (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 53), il-Qorti tal-Ġustizza rrikonoxxiet id-dritt tal-kumpanniji li jistabbilixxu fergħa fi Stat Membru ieħor. Ara K. Maranelli, "*Il diritto comunitario di stabilimento delle società*", Percorsi di diritto societario europeo, Turin 2000, S. 122 *et seq*.

58 — Ara l-paġna 4 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

adottata fil-ġurisprudenza s'issa, restrizzjoni tal-libertà ta' stabbiliment għandha titqies li teżisti f'din il-kawża [59].

— Il-possibbiltà ta' delimitazzjoni teleoloġika tal-projbizzjoni fuq restrizzjonijiet

74. Kif diġà ntqal, il-Qorti tal-Ġustizzja evidentement tassumi li hemm konverġenza tal-libertajiet fundamentali anki fil-każ tal-libertà ta' stabbiliment, billi tagħti interpretazzjoni estensiva tal-kunċett ta' restrizzjoni taħt l-Artikolu 43 KE [60]. Madankollu din s'issa ma tatx pożizzjoni ċara dwar il-portata tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 43 KE. Ladarba fis-sentenza Keck u Mithouard [61] il-moviment liberu tal-merkanzija skont l-Artikolu 28 KE ġie llimitat, tqum id-domanda jekk delimitazzjoni dogmatika tal-kunċett ta' restrizzjoni fil-kamp tal-libertà ta' stabbiliment tkunx ukoll raġunevoli. Dan jista' jiġi dedott mill-għan ta' din il-libertà fundamentali, li huwa li titħalla għażla libera f'dik li huwa l-post imma mhux biex tkun strument għal operaturi ekonomiċi biex ibiddlu l-kundizzjonijiet relatati mal-post fir-rigward ta' kompetituri nazzjonali [62].

75. Skont l-għan tal-libertà ta' stabbiliment, li huwa li jitneħħew restrizzjonijiet fuq kumpanniji minn Stati Membri oħrajn biex isiru residenti, u mal-għan tad-dritt tal-kumpanniji tal-Unjoni Ewropea, biex tiġi żgurata l-eżistenza kontinwa u l-identità ta' kumpannija fl-eventwalità ta' trasferiment transkonfinali ta' post [63], ikun konċepibbli li bħala prinċipju tiddefinixxi l-portata

59 — Ara S. Grundmann, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, Artikolu 9, punt 311, p. 137, li bl-istess mod jikkunsidra, iżda fi kliem ieħor, li estensjoni tar-responsabbiltà għall-azzjonisti għandha natura ristretta. Fil-fehma tiegħu, il-libertà ta' stabbiliment hija ċertament inkoraġġuta, talinqas f'każijiet transkonfinali, meta barra l-pajjiż ma jkunx hemm l-ebda biża' tal-estensjoni ta' responsabbiltà. Müller-Graff, P.-C., EUV/EGV-Kommentar (ed. Rudolf Streinz), Artikolu 48, punt 22, p. 692, jindirizza r-regoli ta' estensjoni tar-responsabbiltà bħala protezzjoni tal-kredituri meta jeżamina jekk ir-restrizzjonijiet fuq kumpannija meta ssir residenti fi Stat Membru ieħor humiex kompatibbli mal-Artikolu 43 KE. Fl-opinjoni tiegħu dawn jistgħu jkunu ġġustifikati f'każijiet individwali. Għaldaqstant l-awtur evidentement jieħu l-pożizzjoni li regoli ta' estensjoni ta' responsabbiltà huma restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment fis-sens tal-Artikolu 43 KE. P. Ulmer, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 56, p. 665, ukoll evidentement jikkunsidra li jkun hemm restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment fejn ir-responsabbiltà testendi għall-azzjonisti, li madankollu, probabbilment, tgħaddi mit-test tal-prorporzjonalità.

60 — Ara V. Skouris, "*Das Verhältnis von Grundfreiheiten und Grundrechten im europäischen Gemeinschaftsrecht*", Die Öffentliche Verwaltung, 2006, p. 94, li jirrileva li fl-interrelazzjoni bejn il-libertajiet fundamentali hemm tendenza parallela ("dogmatiżmu uniformi ta' drittijiet bażiċi"). Meta jiġu eżaminati l-limiti, dan jippermetti l-limiti speċifiċi previsti fir-rigward ta' kull libertà fundamentali li jingħaqdu mal-kunċett ġenerali ta' bżonnijiet imperattivi fl-interess ġenerali. Il-"formula Gebhard" li ntużat f'ħafna okkażjonijiet (ara l-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet) mhijiex applikabbli speċifikament fir-rigward ta' xi wieħed mil-libertajiet fundamentali, imma għar-relazzjonijiet fundamentali kollha.

61 — Sentenza tal-24 ta' Novembru 1993, Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, Ġabra p. I-6097).

62 — F'dan is-sens, U. Forsthoff, "*Mobilität von Gesellschaften im Binnenmarkt – Spielraum für Erstreckung deutschen Rechts auf EU-Auslandsgesellschaften*", Grenzüberschreitende Gesellschaften (ed. Heribert Hirte/Thomas Bücker), it-tieni Edizzjoni, Berlin 2006, punti 38 u 39, p. 82 *et seq*.

63 — Ir-regoli tal-Istati Membri dwar l-identità tal-kumpannija għandhom l-effett ta' xkiel għall-aċċess. Din l-identità ma għandhiex tiġi affettwata bil-qsim ta' fruntiera. Ir-regoli li jaffettwaw l-identità ta' kumpannija ma jistgħux jiġi inklużi bħala parti mill-kundizzjonijiet stess tal-post, peress li dawn ma jitwasslux għand l-operatur ekonomiku minn barra, imma jbiddlu minn ġewwa l-kostituzzjoni stess tal-benefiċjarju tal-libertà ta' stabbiliment, jiġifieri l-kumpannija kummerċjali. L-idea tal-protezzjoni tal-identità tista' tinstab fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [sentenza tal-5 ta' Novembru 2002, Überseering, (C-208/00, Ġabra p. I-9919, punti 80 *et seq*)].

tal-projbizzjoni ta' restrizzjonijiet skont jekk id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni tistabbillixix "ostakoli speċifiċi għall-aċċess" jew sempliċement tiddefinixxi il-"kundizzjonijiet rigward il-post". Fl-ewwel każ, tapplika l-projbizzjoni fuq restrizzjonijiet, u fil-każ l-ieħor, tapplika biss il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta koperta bil-libertà ta' stabbiliment [64]. Sentenzi individwali fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi [65] u tal-moviment liberu tal-kapital [66] juru li l-Qorti tal-Ġustizzja tifhem il-libertajiet fundamentali primarjament bħala strumenti għall-ftuħ tas-suq u għalhekk, meta teżamina jekk teżistix restrizzjoni fuq il-libertajiet fundamentali f'każ individwali, tevalwa dispożizzjonijiet nazzjonali skont jekk jostakolawx jew le l-aċċess għas-suq.

64 — Ara fuq dan il-punt U. Forsthoff, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 62, punti 73 u 74, p. 544 *et seq*. M. Habersack, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, Artikolu 3, punt 7, p. 13, jieħu l-pożizzjoni li l-Artikoli 43 KE u 48 KE jinkludu projbizzjoni ta' restrizzjonijiet sa fejn hu kkonċernat l-aċċess għas-suq u għalhekk l-libertà ta' stabbiliment bħala tali. Fir-rigward tal-eżerċizzju ta' negozju mill-kumpannija ladarba tkun stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, min-naħa l-oħra hi suġġetta għar-regoli ġenerali nazzjonali. B'mod partikolari, l-ostakoli konnessi mar-regoli mandatorji imma mhux diskriminatorji tal-liġi nazzjonali dwar kummerċ, kompetizzjoni u impjiegi għalhekk ma jaqgħux fil-qasam protett mil-libertà ta' stabbiliment. Dawn fil-fatt huma "arranġamenti ta' bejgħ" fis-sens tas-sentenza Keck. Għalhekk m'hemmx lok għal reviżjoni tal-liġi nazzjonali abbażi tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-liġi nazzjonali tista' tapplika fir-rigward tal-kumpanniji residenti fi Stati Membri oħrajn sakemm din ma tkunx diskriminatorja.

65 — Ara s-sentenza tal-10 ta' Mejju 1995, Alpine Investments (C-384/93, Ġabra p. I-1141, punt 37). Is-sentenza kienet tikkonċerna projbizzjoni dwar "cold calling" li fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, affettwat direttament l-aċċess għas-suq fis-servizzi fl-Istati Membri l-oħrajn. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkonkludiet li dan seta' jostakola l-kummerċ intra-Komunitarju fis-servizzi. Dan juri li l-Qorti tal-Ġustizzja tifhem il-libertajiet fundamentali primarjament bħala strument għall-ftuħ tas-suq. Ara wkoll is-sentenza tal-11 ta' April 2000, Deliège (C-51/96 u C-191/97, Ġabra p. I-2549, punti 60 *et seq*).

66 — Ara sentenza tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-463/00, Ġabra p. I-4581, punt 61) dwar il-moviment liberu tal-kapital. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kklassifikat dispożizzjonijiet nazzjonali li jostakolaw l-investimenti bħala restrizzjonijiet fuq il-kapital skont l-Artikolu 56 KE. Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm ir-restrizzjonijiet rilevanti fuq operazzjonijiet ta' investiment kienu japplikaw mingħajr distinzjoni kemm għar-residenti u għal dawk mhux residenti, kellu jiġi deċiż illi dawn kienu jaffettwaw il-pożizzjoni ta' persuna li takkwista azzjonijiet bħala tali u għalhekk setgħu jiskoraġġixxu investituri minn Stati Membri oħrajn milli jagħmlu investimenti bħal dawn u, konsegwentement, affettwaw l-aċċess għas-suq. (ara wkoll, is-sentenza tal-istess data, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-98/01, Ġabra p. I-4641, punt 47).

76. Minn analiżi iktar mill-viċin, id-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata la hija speċifikament maħsuba biex tirregola "l-aċċess" minn kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata għas-settur tal-medja Grieg, u lanqas isservi ta' "ostakolu" għal xi ħadd li qed jipprova jkollu aċċess għal xi settur partikolari. Pjuttost, din tifforma parti minn qafas legali ġenerali li jirregola l-operat ta' stazzjonijiet televiżivi. Din hija intiża li tiżgura l-osservanza tal-leġiżlazzjoni u tar-regoli ta' kondotta tajba li jirregolaw l-operat ta' stazzjonijiet televiżivi. Mill-perspettiva ta' osservatur oġġettiv, dawn huma l-kundizzjonijiet ta' qafas li jirregolaw il-medja li għandhom jiġu osservati dejjem mill-operatur ta' stazzjon televiżiv. Mill-perspettiva legali, id-dmir li jiġu osservati dawn il-kundizzjonijiet ta' qafas li jirregolaw

il-medja huwa strutturat bħala impożizzjoni ta' dmir konness mal-operat ta' stazzjon televiżiv, u mhux pereżempju bħala kundizzjoni [67]. Dan ifisser li dan ma jiddeterminax il-"jekk" jew il-"meta", imma biss "kif" stazzjon televiżiv għandu "jopera". Huma biss "l-arranġamenti" għall-operazzjoni ta' stazzjon televiżiv li huma rregolati. Barra minn hekk, din il-konformità la taffettwa l-eżistenza kontinwa u lanqas l-identità tal-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata.

77. Sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ssostni delimitazzjoni teleoloġika tal-projbizzjoni ta' restrizzjonijiet, id-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata jkollha tiġi kklassifikata fil-kategorija ta' "kundizzjonijiet rigward il-post" li, abbażi ta' din l-interpretazzjoni, ma jiġux interpretati bħala restrizzjonijiet fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 43 KE. Fin-nuqqas ta' restrizzjoni tal-libertà ta' stabbiliment, eżami ulterjuri li ttieħdu inkunsiderazzjoni tal-Artikoli 43 KE u 48 KE fil-prinċipju jista' ma jkunx neċessarju.

78. F'dan ir-rigward, madankollu, jiena nemmen li huwa importanti li jiġi rrilevat li fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hemm xi evidenza li tissuġġerixxi li hija tkun ippreparata, f'każijiet partikolari, li taqbel ma' interpretazzjoni iktar stretta, però dan ċertament ma jistax jiġi interpretat li jfisser li l-Qorti tal-Ġustizzja abbandunat l-interpretazzjoni estensiva eżistenti tagħha tal-kunċett ta' restrizzjoni. Pjuttost, fil-prinċipju wieħed għandu jassumi li dan il-kunċett għandu jinftiehem b'mod wiesa'. Il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin huma għaldaqstant ibbażati fuq il-kunċett ta' projbizzjoni komprensiva fuq restrizzjonijiet [68].

79. Għalhekk hemm restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment.

iii) Ġustifikazzjoni ta' restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment

80. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [69] jsegwi li miżuri nazzjonali li jistgħu jirristringu l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti bit-Trattat għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin: għandhom ikunu ġġustifikati bi bżonnijiet imperattivi fl-interess ġenerali; għandhom ikunu xierqa biex jiżguraw il-kisba tal-għan segwit; ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex dan jinkiseb. Barra dan,

67 — Fil-liġi amministrattiva ġenerali, kundizzjoni tiġi distinta mill-fatt li din tagħmel il-bidu jew it-tmiem tal-effettività ta' att amministrattiv dipendenti fuq ċertu avveniment, li l-okkorrenza tiegħu mhijiex ċerta. Din tista' ma tkunx ċerta mhux biss "meta" l-avveniment iseħħ, imma anki "jekk" dan attwalment iseħħx. L-impożizzjoni ta' dmir, min-naħa l-oħra, mhux bħal fil-każ ta' kundizzjoni, tinkludi d-dispożizzjoni sostantiva tagħha stess, jiġifieri l-obbligu tal-parti li hu indirizzat lilha l-att amministrattiv -rigward att, tolleranza jew ommissjoni speċifika. L-att amministrattiv konness mal-impożizzjoni ta' dmir huwa immedjatament effettiv legalment, irrispettivament minn jekk id-dmir jitwettaqx jew le. Min-naħa l-oħra l-att amministrattiv kundizzjonat isir effettiv meta -jiġu osservati l-kundizzjonijiet biss. L-impożizzjoni ta' dmir, tistipula obbligu u hija infurzabbli. Il-kundizzjoni sospensiva mhijiex vinkolanti u għalhekk lanqas ma hi infurzabbli. Ara fuq dan il-punt H. Maurer, *Allgemeines Verwaltungsrecht*, il-ħdax-il Edizzjoni, Munich 1997, punti 6 *et seq*, p. 315 *et seq*.

68 — Ara l-punti 70 sa 73 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69 — Ara s-sentenzi Kraus (iċċitata fin-nota tal-qiegħ il-paġna 53, punt 32) u Gebhard (C-55/94, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 53, punt 37).

il-protezzjoni ta' drittijiet fundamentali huwa interess leġittimu li, fil-prinċipju, jiġġustifika restrizzjoni fuq il-libertajiet fundamentali ggarantiti bit-Trattat KE [70].

— Il-protezzjoni ta' drittijiet fundamentali bħala interess leġittimu

81. Kif diġà ġie spjegat [71], il-Gvern Grieg jikkunsidra li d-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata hija ġġustifikata għal raġunijiet ta' interess pubbliku u soċjali. Ħarsa fil-qosor lejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti turi li l-multi stipulati fl-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/95 huma intiżi biex jippenalizzaw nuqqasijiet li jiġu osservati ċerti valuri bażiċi li huma protetti kostituzzjonalment, inkluż il-protezzjoni ta' drittijiet individwali ta' personalità, familja u ħajja privata. Il-multa li għaliha r-rikorrenti fil-kawża prinċipali hija responsabbli *in solidum* kienet imposta minħabba nuqqas li jiġu osservati l-valuri bażiċi msemmija iktar 'il fuq, kif inhu evidenti mill-konklużjonijiet dwar il-fatti inklużi fid-digriet tar-rinviju. Minn evalwazzjoni serja, l-argument imressaq mill-Gvern Grieg għandu jiġi interpretat li huwa bbażat b'mod ċar fuq il-protezzjoni ta' drittijiet fundamentali mnaqqxa fil-Kostituzzjoni.

82. Għandu jitfakkar f'dan ir-rigward li, skont il-ġurisprudenza stabbilita, id-drittijiet fundamentali huma parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura r-rispett tagħhom. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja tispira ruħha mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri kif ukoll mill-indikazzjonijiet mogħtija mill-istrumenti internazzjonali li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u li l-Istati Membri kkooperaw fihom jew aderixxew magħhom. F'dan ir-rigward, il-KEDB għandha sinjifikat partikolari [72]. Il-prinċipji stabbiliti b'din il-ġurisprudenza reġgħu ġew affermati fl-Artikolu 6(2) UE. Din id-dispożizzjoni tistipula li "l-Unjoni għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewopea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali ffirmat f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, bħala prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità". Barra dan, f'diversi okkażjonijiet il-Qorti tal-Ġustizzja invokat il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea pproklamata f'Nizza

70 — Sentenza tat-12 ta' Ġunju 2003, Schmidberger (C-112/00, Ġabra p. I-5659, punt 74).

71 — Ara l-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet.

72 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Ġunju 1991, ERT (C-260/89, Ġabra p. I-2925, punt 41); tas-6 ta' Marzu 2001, Connolly vs Il-Kummissjoni (C-274/99 P, Ġabra p. I-1611, punt 37); tat-22 ta' Ottubru 2002, Roquette Frères (C-94/00, Ġabra p. I-9011, punt 25); Schmidberger (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 70, punt 71); tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, Ġabra p. I-5769, punt 35); u tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, Ġabra p. I-439, punt 76).

fis-7 ta' Diċembru 2000 [73] sabiex tikkonferma l-eżistenza ta' ċerti prinċipji ġenerali ta' dritt [74].

83. Kif ġie kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'ħafna okkażjonijiet [75], il-Komunità ma tistax taċċetta miżuri li huma inkompatibbli mal-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem irrikonoxxuti u ggarantiti hekk. Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li kemm il-Komunità u l-Istati Membri tagħha huma obbligati li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet hija interess leġittimu li, bħala prinċipju, jiġġustifika restrizzjoni tal-obbligi imposti mid-dritt Komunitarju, anki taħt libertà fundamentali ggarantita bit-Trattat bħall-moviment liberu ta' merkanzija [76].

84. F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, li skont il-Gvern Grieg, id-dispożizzjoni kkontestata tipprova tipproteġi, huwa wkoll dritt fundamentali protett fl-ordni legali tal-Unjoni Ewropea [77]. Barra minn hekk, dan id-dritt fundamentali huwa stabbilit fl-Artikolu 8(1) KEDB [78] u fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali [79].

85. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata ssegwi għan li hu rrikonoxxut mill-ordni legali tal-Unjoni u għalhekk hija leġittima.

— It-test ta' proporzjonalità

86. Kif diġà spjegajt fil-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fl-14 ta' April 2010 fil-Kawża C-271/08, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, wieħed għandu jassumi li d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet fundamentali

73 — ĠU 2000 C 364, p. 1.

74 — Ara s-sentenzi tal-14 ta' Frar 2008, Dynamic Medien (C-244/07, Ġabra p. I-505, punt 42); tal-11 ta' Diċembru 2007, International Transport Workers' Federation u Finnish Seamen's Union (C-438/05, Ġabra p. I-10779, punt 43); u tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 72, punt 38).

75 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ERT (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 72, punt 41); tad-29 ta' Mejju 1997, Kremzow (C-299/95, Ġabra p. I-2629, punt 14); u tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, Ġabra p. I-6351, punt 284).

76 — Ara s-sentenza Schmidberger (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 70, punt 74) fil-kuntest ta' restrizzjoni tal-moviment liberu tal-merkanzija. Ara wkoll is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2007, United Pan-Europe Communications Belgium *et* (C-250/06, Ġabra p. I-11135, punt 41) (il-politika kulturali u l-libertà tal-espressjoni bħala restrizzjoni tal-libertà li jipprovdu servizzi); Dynamic Medien (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 74, punt 42) u tal-14 ta' Ottubru 2004, Omega (C-36/02, Ġabra p. I-9609, punt 35) (id-dinjità umana bħala restrizzjoni tal-libertà li jipprovdu servizzi).

77 — Espressament rikonoxxut fis-sentenza tat-8 ta' April 1992, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-62/90, Ġabra p. I-2601, punt 23). Ara wkoll is-sentenzi tad-19 ta' Ottubru 2004, Chen (C-200/02, Ġabra p. I-9925, punt 16) u tal-25 ta' Lulju 2008, Metock *et* (C-127/08, Ġabra p. I-6241, punt 79).

78 — Skont l-ewwel -paragrafu tal-Artikolu 8 (Id-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja) KEDB, kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-korrispondenza tiegħu.

79 — Skont l-Artikolu 7 (Rispett għall-ħajja privata u tal-familja) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kulħadd għandu d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja tiegħu, tad-dar u tal-komunikazzjonijiet tiegħu.

għandhom l-istess importanza [80]. Dan ifisser li jekk, f'każ individwali, b'riżultat tal-eżerċizzju ta' dritt fundamentali, tiġi ristretta xi libertà fundamentali, irid jintlaħaq bilanċ ġust bejn dawn iż-żewġ pożizzjonijiet legali. F'dan ir-rigward, għandu jiġi dedott li l-eżerċizzju ta' libertà fundamentali jikkostitwixxi għan leġittimu li jista' jillimita dritt fundamentali. Bil-kontra, madankollu, it-twettiq ta' dritt fundamentali għandu wkoll jiġi rrikonoxxut bħala għan leġittimu li jista' jirrestrinġi libertà fundamentali. Għall-iskopijiet biex tinqata' linja diviżorja eżatta bejn libertajiet fundamentali u drittijiet fundamentali l-prinċipju ta' proporzjonalità huwa ta' importanza partikolari. Fil-kuntest tal-eżami tal-proporzjonalità, għandha tintuża, b'mod partikolari, skema ta' analiżi maqsuma fi tliet stadji, fejn għandhom jikkontrollaw in-natura adatta, in-neċessità u r-raġunevolezza tal-miżura inkwistjoni [81].

87. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li għalkemm il-protezzjoni tad-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata jikkostitwixxi interess leġittimu li jiġġustifika, prinċipalment, restrizzjoni għal libertà fundamentali ggarantita bit-Trattat KE, bħall-moviment liberu ta' stabbiliment, jibqa' l-fatt li restrizzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu ġġustifikati biss jekk huma xierqa biex tiżgura l-kisba tal-għan segwit u ma jmorrux lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkiseb [82].

88. Id-deċiżjoni dwar il-proporzjonalità teħtieġ analiżi taċ-ċirkustanzi legali u fattwali li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat, li għall-eżami tagħhom għandha ġurisdizzjoni l-qorti tar-rinviju [83]. F' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha informazzjoni suffiċjenti dwar is-sitwazzjoni legali u fattwali biex tagħti evalwazzjoni astratta tal-każ li ġie ppreżentat quddiemha fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tikkunsidra l-kriterji ta' interpretazzjoni pprovduti mill-Qorti tal-Ġustizzja meta tapplika d-dritt Komunitarju fil-kawża prinċipali. [84]

80 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi tal-14 ta' April 2010 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-271/08 li għadha pendenti (punti 187 u 188). V. Skouris, (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 60, p. 93), għalhekk ma jikkunsidrax li hemm relazzjoni ġerarkika bejn il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet fundamentali. Huwa jinvoka diversi fatturi b'appoġġ għall-idea li dawn għandhom importanza ugwali, bħal pereżempju n-natura tad-drittijiet fundamentali li hija simili għal dik tal-libertajiet fundamentali u l-konverġenza tal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet fundamentali fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

81 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża C-271/08, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, punt 189.

82 — Ara f'dan is-sens is-sentenzi Omega (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 76, punt 36); International Transport Workers' Federation and Finnish Seamen's Union (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 74, punt 75); Dynamic Medien (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 74, punt 42).

83 — Ara s-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2001, Gourmet International (C-405/98, Ġabra p. I-1795, punt 33); tat-13 ta' Jannar 2000, Estée Lauder (C-220/98, Ġabra p. I-117, punti 30 *et seq*; u tas-26 ta' Ġunju 1997, Familiapress (C-368/95, Ġabra p. I-3689, punti 28 *et seq*).

84 — Skont P. Craig/G. De Búrca, *EU Law*, ir-raba' Edizzjoni, Oxford 2008, p. 492, għalkemm l-Artikolu 234 KE jikkonferixxi fuq il-Qorti tal-Ġustizzja l-poter li tinterpreta t-Trattat, dan ma jikkonferixxix espressament il-poter li tapplika t-Trattat għall-kawża. Id-distinzjoni bejn l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni timmarka d-distribuzzjoni tal-poteri bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali. Konsegwentement il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta t-Trattat u l-qrati nazzjonali japplikaw din l-interpretazzjoni għall-każ partikolari.

In-natura adatta

89. Kif ġie kkonfermat mill-Gvern Grieg b'risposta għad-domanda tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċedura orali, wieħed għandu jassumi li d-dispożizzjoni kkontestata hija bbażata essenzjalment fuq il-premessa tal-leġiżlatur Grieg li azzjonista b'sehem ta' iktar minn 2.5 % tal-kapital f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata għandu l-possibbiltà li jinfluwenza t-tmexxija tal-kumpannija. Din il-premessa tal-leġiżlatur nazzjonali tiġi kkunsidrata u eżaminata mill-viċin kemm mill-qorti tar-rinviju u anki mill-Gvern Grieg fid-dikjarazzjoni rispettivi tagħhom. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju tindika [85] li l-azzjonisti ta' tali kumpanniji b'sehem ta' iktar minn 2.5 % fil-kapital azzjonarju tagħhom mhumiex investituri komuni; iżda investituri professjonali f'pożizzjoni li jinfluwenzaw l-amministrazzjoni tal-korp ġuridiku, u għalhekk, l-operat ta' stazzjon televiżiv. Il-Gvern Grieg [86] jiddikjara li l-membri f'din il-kategorija, permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti u fl-għażla tal-membri tal-korpi tal-amministrazzjoni tal-kumpannija, jistgħu jgħinu biex jiżguraw li jiġu adottati linji gwida ċari fir-rigward tal-ipprogrammar u l-pożizzjoni tal-istazzjon televiżiv dwar kwistjonijiet kurrenti.

90. Irrispettivament minn jekk din il-preżunzjoni legali tapplikax għall-kawża prinċipali, fi kliem ieħor jekk, kif ġie kjarifikat mill-Gvern Grieg fis-seduta, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, b'sehem ta' 5 % biss tal-kapital tal-kumpannija "Nea Tileorasi", verament għandha influwenza deċiżiva fuq il-proċessi deċiżjonali tal-kumpannija, li jkollu jiġi stabbilit speċifikament mill-qorti tar-rinviju [87], fi kwalunkwe każ huwa dubjuż ħafna jekk l-influwenza tistax titqies bħala suffiċjenti biex taffettwa l-ipprogrammar tal-istazzjon televiżiv, b'mod bl-iskop li assolutament ma jkunx hemm ksur ta' leġiżlazzjoni u tar-regoli ta' kondotta tajba li jirregolaw l-operat ta' stazzjonijiet televiżivi.

91. L-ewwel nett, huwa neċessarju li tiġi eżaminata l-pożizzjoni ta' azzjonista fi ħdan kumpannija b'responsabbiltà limitata. Id-drittijiet ta' azzjonista jistgħu b'mod ġenerali jinqasmu fi drittijiet ta' proprjetà, drittjiet ta' parteċipazzjoni u drittijiet ta' protezzjoni [88]. Differenti minn membru

85 — Ara l-paġna 4 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

86 — Ara l-punt 10 tal-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Gvern Grieg.

87 — Ara l-punt 66 ta' dawn il-konklużjonijiet.

88 — Id-drittijiet ta' proprjetà jinkludu d-dritt ta' allokazzjoni ta' azzjonijiet ġodda; id-dritt għal-likwidazzjoni ta' dividendi; id-dritt għall-interessi fuq il-formazzjoni ta' kapital (jiġifieri interessi għall-perijodu meħtieġ għall-preparazzjoni u l-formazzjoni sa ma jingħata bidu għall-operat sħiħ tal-impriża, id-dritt li tuża l-faċilitajiet tal-kumpannija). Drittijiet ta' parteċipazzjoni huma d-dritt li tkun mistieden u nnotifikat bl-aġenda; id-dritt li titlob u d-dritt li tagħti opinjoni; id-dritt li tkun rappreżentat fil-laqgħa ġenerali; id-dritt li tikkontesta d-deċiżjonijiet li jmorru kontra leġiżlazzjoni jew statuti. Id-drittijiet ta' protezzjoni huma d-drittijiet ta' informazzjoni, inklużi d-dritt li tivverifika l-kontijiet u d-dritt li titlob li tingħata informazzjoni; id-dritt kollettiv għal rappreżentanza fil-bord tad-diretturi; id-drittijiet ta' protezzjoni tal-minoranza tal-azzjoni għax-xoljiment u l-verifika speċjali u d-dritt li ssejjaħ laqgħa ġenerali; id-drittijiet l-oħra li tieħu azzjoni, inkluż id-drittijiet ta' rexxisjoni, annulament ta' deċiżjonijiet tal-laqgħa ġenerali, u talbiet dwar responsabbiltà.

ta' korp amministrattiv ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, li jkollu iktar possibbiltà li jinfluwenza l-istazzjon televiżiv li jkun proprjetà tal-kumpannija, azzjonista medju jeżerċita d-drittijiet ta' parteċipazzjoni tiegħu, bħala regola, fil-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti, fejn hu intitolat li jivvota [89]. Skont is-sistema legali u l-istatuti, dawn id-drittijiet ta' parteċipazzjoni jinkludu l-ħatra u t-tkeċċija tal-korpi amministrattivi u ta' sorveljanza [90]. Wieħed għandu jżomm f'moħħu f'dan ir-rigward li f'dan l-aħħar każ l-influwenza tal-azzjonista individwali fuq l-amministrazzjoni tal-kumpannija hija iktar dgħajfa, speċjalment peress li hija biss indiretta [91]. Barra minn hekk, ir-regoli sostantivi dettaljati li jirregolaw il-ħatra u t-tkeċċija tal-korpi jvarjaw skont is-sistema legali u l-istatuti. Filwaqt li l-ħatra tal-korpi hija kkaratterizzata mill-prinċipju ġenerali li l-maġġoranza tal-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti taħtar il-membri kollha, madankollu jiddependi fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġijiet jekk hemmx rappreżentanza proporzjonali, jew azzjonisti individwali jingħataw id-dritt tal-ħatra ta' siġġu. Din il-varjetà ta' ċirkustanzi tfisser li, minn analiżi iktar mill-viċin, il-possibbiltajiet preżunti għal azzjonisti individwali biex jinfluwenzaw l-amministrazzjoni ta' kumpannija jidhru li huma anqas immarkati minn kemm wieħed kien jassumi.

92. Jeħtieġ issir distinzjoni bejn l-istruttura tal-kumpannija u l-istruttura tal-istazzjon televiżiv innifsu, fejn id-direttur tal-programmi, bħala l-kap tat-tim editorjali kollu tal-istazzjon televiżiv, għandu rwol partikolari. Subordinat għalih, hemm il-kapijiet editorjali li huma responsabbli għal dipartimenti individwali. Barra dan, hemm l-impjegati tal-istazzjon responsabbli biex joħolqu programmi individwali. Dawn jaġixxu bejn wieħed u ieħor b'mod indipendenti fl-oqsma tagħhom ta' responsabbiltà.

93. Għalhekk l-azzjonist individwali huwa fl-aħħar ta' katina twila ta' persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet, li huwa jista' jinfluwenza l-imġiba tagħhom sa ċertu punt limitat biss. Lanqas ma jista' jipprevedi jekk xi wieħed mill-impjegati tal-istazzjon, kemm jekk intenzjonalment jew bi traskuraġni, hux se jikser il-leġiżlazzjoni u r-regoli ta' kondotta tajba li jirregolaw l-operat ta' stazzjonijiet televiżivi. Dawn il-kunsiderazzjonijiet juru li l-influwenza li l-azzjonista għandu *fi ħdan kumpannija* jgħidu ftit li xejn dwar l-influwenza attwali tiegħu fuq il-*proċessi interni ta' stazzjonijiet televiżivi*. Il-qorti tar-rinviju, jekk ikun neċessarju teżamina jekk il-possibbiltà ta' influwenza tal-azzjonista individwali, li d-dispożizzjoni nazzjonali

89 — Ara G. Mustaki/V. Engammare, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, p. 189. Kif ukoll K. Schmidt, *Gesellschaftsrecht*, ir-raba' Edizzjoni, Köln/Berlin/Bonn/Munich 2002, p. 837, isostni korrettement, il-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti hija "s-sede tad-demokrazija tal-azzjonisti" fejn l-azzjonisti jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fin-negozju tal-kumpannija.

90 — Għalhekk S. Grundmann, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, Artikolu 11, punt 394, p. 180, jenfasizza d-differenzi bejn l-Istati Membri individwali fil-ħatra u t-tkeċċija tal-korpi. Jeżistu differenzi, l-ewwel nett, fil-poter biex jinħatru membri fil-korp amministrattiv peress li f'xi każijiet jinħatar korp amministrattiv b'parti waħda u f'oħrajn korp b'żewġ partijiet. Madankollu, fl-ewwel każ il-poter tal-laqgħa ġenerali li taħtar u tkeċċi membri tal-korp mhuwiex protett fl-Istati Membri kollha. Fl-aħħar każ, il-laqgħa ġenerali tipikament għandha l-poter biss li taħtar il-korp ta' sorveljanza, u għalhekk l-influwenza hija biss indiretta.

91 — Ara S. Grundmann, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, Artikolu 11, punt 394, p. 180.

kkontestata tikkunsidra li dan hu ovvju minnu nnifsu, huwa fil-fatt purament teoretiku.

94. Min-naħa l-oħra, kif josserva korrettement il-Gvern Grieg, l-azzjonist individwali jista' jeżerċita d-drittijiet ta' parteċipazzjoni tiegħu sabiex jiżgura li jiġu adottati linji gwida ċari fir-rigward tal-ipprogrammar. Eżempju possibbli jista' jkun il-formulazzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għall-impjegati tal-istazzjon televiżiv li jeżiġi rispett għal ċerti interessi legali bi status kostituzzjonali, bħal m'hija l-protezzjoni ta' drittijiet ta' personalità individwali u d-dritt għall-ħajja tal-familja u għall-ħajja privata. Li wieħed jeżiġi li l-korp amministrattiv jassigura li l-istazzjon televiżiv proprjetà tal-kumpannija u l-impjegati tiegħu jsegwu ċerti standards ta' etika jista' tal-inqas inaqqas ir-riskju ta' ksur.

95. Probabbilment dan ikun jeħtieġ azzjoni miftiehma minn diversi azzjonisti speċjalment għax il-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti jkollha tiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Madankollu, skont is-sistemi tal-liġijiet tal-kumpanniji tal-Istati Membri, id-dritt li ssejjaħ il-laqgħa ġenerali u li titlob li tiġi fformulata l-aġenda normalment jiddependi fuq il-proporzjon ta' azzjonisti interessati li l-kapital sottoskritt tal-kumpannija jilħaq ċertu persentaġġ. Skont l-Artikolu 55(1) tar-Regolament Nru 2157/2001 il-proporzjon huwa tal-inqas 10 % fil-każ ta' kumpannija Ewropea. Madankollu, anki jekk dan il-limitu jinqabeż, ikun dubjuż jekk miżura preventiva bħal din tkunx kapaċi telimina għal kollox ksur minn impjegati individwali tal-istazzjon televiżiv.

96. Meta madanakollu tiġi eżamintata n-natura adatta, huwa importanti jekk, wara li jiġu kkunsidrati aspetti ta' każwalità u probabbiltà, il-miżura tista' twassal għal numru ta' avvenimenti fid-direzzjoni maħsuba mill-Istat Membru; l-Istati Membri għandhom jingħataw ċertu marġni ta' previżjoni f'dan ir-rigward. Għalhekk miżura nazzjonali tiġi kklassifikata bħala mhux adatta f'każ biss li ma jkollha ebda effett fuq l-għan segwit [92]. Fil-fehma tiegħi, il-kunsiderazzjonijiet li fuqhom tibbaża d-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata huma pjuttost teoretiċi. It-theddida ta' multa tista' twassal biex l-azzjonisti jieħdu miżuri preventivi biex jevitaw ksur. Madankollu, din ma tistax teskludi għal kollox ksur bħal dan. Dispożizzjoni bħal din li tipproteġi drittijiet ta' personalità individwali u dritt għall-ħajja familjari u dik privata għandha titqies li hija adatta, madankollu sa fejn din tinkoraġġixxi l-protezzjoni ta' dawn l-interessi legali

92 — F'dan is-sens, W. Schroeder, *EUV/EGV – Kommentar* (ed. Rudolf Streinz), Artikolu 30 KE, Artikolu 52, p. 476.

In-neċessità

97. Barra dan, il-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi li meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri adatti għandha tintgħażel dik l-inqas oneruża [93].

98. Miżura alternattiva possibbli għal impożizzjoni ta' multa fis-settur tal-medja, kif ġie ddikjarat korrettement mill-Gvern Grieg fis-seduta, tkun l-irtirar tal-liċenzja operattiva tal-istazzjon televiżiv mill-korp ta' sorveljanza tal-medja kompetenti. Madankollu, l-irtirar ta' liċenzja operattiva tat-televiżjoni tirrappreżenta l-iktar multa iebsa fis-settur tal-medja [94], speċjalment peress li tintrabat ma' projbizzjoni fuq l-operat ta' stazzjon televiżiv [95]. Paragun ma' dan, multa ta' darba għal ksur ta' liġi u regoli ta' kondotta tajba tikkostitwixxi b'mod ċar miżura inqas oneruża.

99. Madankollu tqum il-kwistjoni jekk soluzzjoni inqas oneruża tkunx konċepibbli anki fil-kuntest ta' din it-tip ta' multa.

100. It-theddida waħedha ta' multi kontra kumpannija b'responsabbiltà limitata, mingħajr l-estensjoni tar-responsabbiltà, tkun, fil-prinċipju kapaċi tħajjar lill-kumpannija sabiex tirrispetta l-leġiżlazzjoni u r-regoli ta' kondotta tajba li jirregolaw l-operat ta' stazzjonijiet televiżivi. Madankollu, hu dubjuż jekk ikollhiex l-istess effett ta' deterrent, peress li din timplika telf finanzjarju għall-kumpannija biss. Skont is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija, din tista' tassumi multa bħal din mingħajr ma jkollha għalfejn tbiddel l-imġiba tagħha b'mod sostanzjali. L-effett ta' multa bħal

93 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Novembru 1987, Maizena *et* (C-137/85, Ġabra p. 4587 punt 15); tas-7 ta' Diċembru 1993, ADM Ölmühlen (C-339/92, Ġabra p. I-6473, punt 15); tal-11 ta' Lulju 2002, Käserei Champignon Hofmeister (C-210/00, Ġabra p. I-6453, punt 59); tas-7 ta' Settemru 2006, Spanja vs Il-Kunsill (C-310/04, Ġabra p. I-7285, punt 97); u tat-12 ta' Diċembru 2006, Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-380/03, Ġabra p. I-11573, punt 144).

94 — Il-liġijiet tal-medja jvarjaw minn Stat għall-ieħor. Madankollu dawn għandhom karatteristiċi komuni evidenti. L-irtirar ta' liċenzja tax-xandir ġeneralment jiġi ordnat bħala l-iktar multa iebsa biss fil-każ ta' offiża ripetuta. Fil-każ tal-ewwel ksur, tingħata twissija, Barra l-kanċellament ta' liċenzja, possibbiltà oħra hija s-sospensjoni temporanja ta' liċenzja jew l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet sussegwenti. Xi liġijiet dwar il-medja jagħtu lill-korpi tal-medja li jissorveljaw xandara privati l-għażla li jimponu multi (ara F. Kühn, *Rundfunkrecht in Indien und Deutschland,* Berlin 2006, p. 208; J. Bayer/T. Ricke,"*Die Medienaufsicht in Ungar*", Medien und Recht International, 2009, p. 32 *et seq*; H. Kieserling, *Das Fernsehrecht Spaniens*, Frankfurt am Main 2002, p. 159; E.-O. Ruhle-/N. Freund/D. Kronegger/M. Schwarz, *Das neue österreichische Telekommunikations- und Rundfunkrecht*, Vjenna 2004, p. 268).

95 — Din min-naħa l-oħra għandha implikazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, fuq kollox fir-rigward tar-rispett għal-libertà tal-medja. It-tielet sentenza tal-Artikolu 10(1) KEDB tagħti lill-istati kontraenti pereżempju l-għażla li jimponu liċenzja sabiex jagħmlu monitoraġġ fix-xandir bir-radju u bit-televiżjoni fit-territorju tagħhom. Madankollu, liċenzji u restrizzjonijiet oħrajn għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 2. Din id-dispożizzjoni tistipula li d-diversità tal-medja tista' tkun suġġetta għall-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew multi bħal dawn kif jiġi stipulat bil-liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità nazzjonali jew sigurtà pubblika, għal prevenzjoni ta' diżordni jew kriminalità, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' oħrajn, għall-prevenzjoni tal-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali, jew għaż-żamma tal-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura.

din ma jistax jiġi stmat b'xi ċertezza. Issitwazzjoni hija evidentement differenti fil-każ tar-responsabbiltà *in solidum* tal-azzjonisti, fejn kull individwi hu responsabbli biss bl-attiv kollu tiegħu. L-azzjonisti jtendu jaraw x'jagħmlu biex jevadu r-responsabbiltà. F'dan ir-rigward iż-żewġ approċċi ma jistgħux jitqiesu li huma effettivi bl-istess mod.

Ir-raġunevolezza

103. Fl-aħħar nett, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-piżijiet imposti jkunu raġunevoli fir-rigward tal-għanijiet segwiti [96].

101. Minflok għandha tingħata kunsiderazzjoni għal approċċ differenzjat, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni sa fejn hu possibbli ċ-ċirkustanzi tal-każ individwali. Għalhekk, jista' jsir provvediment, pereżempju, biex jinżammu responsabbli biss dawk l-azzjonisti li jista' jattribwilhom xi ksur. Fid-dawl tal-fatt li multa hija kklassifikata bħala penali, dan jeħtieġ neċessarjament li jkun hemm imġiba illegali attribwibbli għall-parti kkonċernata. Modifikazzjoni bħal din tipprevjeni li jiġu kkastigati azzjonisti li jistgħu jkunu jixtiequ, imma li ma jkunux f'pożizzjoni li jinfurzaw miżuri sabiex jipprevjenu l-ksur waħedhom jew bħala parti minn azzjoni konġunta. Ir-regola applikabbli fil-preżent, bis-saħħa tal-kamp ta' applikazzjoni wiegħsa tagħha, tkopri wkoll lil dawn l-azzjonisti. Approċċ differenzjat mhux biss ikun jirrestriġi l-libertà ta' stabbiliment fi grad inqas, imma jkollu wkoll l-istess effett bħar-regola applikabbli fil-preżent. Il-formulazzjoni preċiża ta' din id-dispożizzjoni taqa' fil-kompetenza tal-leġiżlatur nazzjonali.

104. Fir-rigward tal-protezzjoni ta' interessi legali bi status kostituzzjonali, bħad-dritt għall-personalità individwali u d-dritt għall-ħajja tal-familja u għall-ħajja personali, fil-fehma tiegħi l-leġiżlatur nazzjonali għandu jingħata ċertu marġni ta' diskrezzjoni [97]. Madankollu l-marġni ta' diskrezzjoni ma jistax ikun daqshekk wiesa' li l-azzjonisti jsiru responsabbli għal ksur li mhux attribwibbli għalihom. Barra dan, minħabba l-istrutturi partikolari fi ħdan kumpannija u stazzjon televiżiv, ksur bħal dan ma jistax jiġi eskluż kompletament. F'dan il-każ, il-libertà ta' stabbiliment hija llimitata iktar milli hu neċessarju għall-protezzjoni tal-interessi legali msemmija iktar 'il fuq.

102. Għalhekk id-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata għandha titqies bħala li mhijiex neċessarja biex jintlaħaq l-għan segwit.

105. Sa fejn wieħed jista' jassumi li d-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata essenzjalment tipprova twassal lill-azzjonisti biex jieħdu miżuri preventivi, ikun iktar raġunevoli li żżomm responsabbli biss

96 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Maizena *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 93, punt 15); ADM Ölmühlen (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 93, punt 15); is-sentenza Käserei Champignon Hofmeister (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 93, punt 59); Spanja vs Il-Kunsill (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 93, punt 97) kif ukoll Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 93, punt 144).

97 — Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet lill-Istati Membri marġini ta' diskrezzjoni biex jiddeterminaw liema miżuri huma l-iktar adatti biex jeliminaw ksur ta' libertajiet fundamentali għar-raġuni li dawn iżommu għalihom kompetenza esklużiva għaż-żamma tal-ordni pubbliku u biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà interna [sentenza tad-9 ta' Diċembru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza, (C-265/95, Ġabra p. I-6595, punt 33)].

l-azzjonisti li għandhom influwenza definita, mhux biss fuq il-kumpannija, imma anki fuq il-korp amministrattiv tal-kumpannija u għalhekk indirettament fuq dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-kumpannija. Għandu jkun hemm biss dubji rigward dan fil-każ ta' sehem ta' 2.5% fil-kapital tal-kumpannija. Kif intqal iktar 'il fuq, huwa dubjuż jekk azzjonist individwali waħdu huwiex f'pożizzjoni li jinforza miżuri biex jipprevjeni ksur ta' leġiżlazzjoni u ta' regoli ta' kondotta tajba li jirregolaw l-operat ta' stazzjonijiet televiżivi.

106. Konsegwentement, il-piżijiet imposti fuq l-azzjonisti mhumiex raġunevoli fir-rigward tal-għanijiet segwiti.

107. Fid-dawl ta' dak li ntqal preċedentement, jien nikkonkludi li d-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata ma tistax titqies li hija proporzjonali. Hija bbażata fuq bilanċ bejn il-libertà ta' stabbiliment bħala liberta fundamentali u d-dritt fundamentali għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja li mhuwiex konsistenti mad-dritt Komunitarju.

iv) Konklużjoni intermedja

108. Fil-qosor, jista' jintqal li l-Artikoli 43 KE u 48 KE jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/1995.

ċ) Il-moviment liberu tal-kapital

v) Applikabbiltà tal-Artikolu 56 KE

109. Il-kwistjoni tal-kompatibbiltà mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital jeħtieġ li tiġi kkunsidrata sal-punt biss li, fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet, id-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata hija tali li tinvolvi restrizzjoni separata u d-dispożizzjoniet tat-Trattat li jikkonċernaw il-libertà ta' stabbiliment ma japplikawx [98].

110. Fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet tiegħi f'punti 63 sa 66 ta' dawn il-konklużjonijiet fir-rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 43 KE u 48 KE, l-eżami abbażi tal-Artikolu 56 KE ma jidhirx neċessarju ħlief fir-rigward ta' azzjonisti li għandhom sehem ta' iktar minn 2.5% tal-kapital tal-kumpannija, imma li madankollu ma għandhomx sehem li jippermettilhom li jeżerċitaw influwenza definita fuq id-deċiżjonijiet tal-kumpannija u li jiddetterminaw l-attivitajiet tagħha [99].

98 — Ara s-sentenza X u Y (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 66).

99 — Ara s-sentenzi X u Y (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 68) u Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punti 35 sa 39).

vi) Restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital

111. Skont ġurisprudenza stabbilita [100], l-Artikolu 56(1) jipprojbixxi b'mod ġenerali restrizzjonijiet fuq il-movimenti tal-kapital bejn l-Istati Membri.

112. Fin-nuqqas ta' definizzjoni fit-Trattat KE ta' "movimenti tal-kapital", fis-sens tal-Artikolu 56(1) KE, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet in-nomenklatura annessa mad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE, tal-24 ta' Ġunju 1988, għall-implementazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat (artikolu li tħassar bit-Trattat ta' Amsterdam) li għandha valur indikattiv [101]. Il-movimenti tal-kapital fis-sens tal-Artikolu 56(1) għalhekk jinkludu b'mod partikolari investimenti diretti fil-forma ta' parteċipazzjoni f'impriża li jippermettu li wieħed jipparteċipa b'mod effettiv fl-amministrazzjoni ta' din il-kumpannija u fil-kontroll tagħha (investimenti "diretti") u l-akkwist ta' azzjonijiet fis-suq tal-ishma bl-intenzjoni unika li dak li jkun jagħmel investiment finanzjarju mingħajr ebda intenzjoni li jinfluwenza l-amministrazzjoni u l-kontroll tal-impriża (investimenti "portfolio") [102].

— L-Artikolu 56 KE bħala projbizzjoni komprensiva fuq restrizzjonijiet

113. Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ forom ta' investiment, il-Qorti tal-Ġustizzja ikkonstatat li miżuri nazzjonali għandhom jitqiesu bħala "restrizzjonijiet" fis-sens tal-Artikolu 56(1) KE jekk dawn jistgħu jostakolaw jew jirristrinġu l-akkwist ta' azzjonijiet fl-impriżi kkonċernati jew jiskoraġġixxu investituri minn Stati Membri oħrajn milli jinvestu fil-kapital tagħhom [103].

100 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 17); tat-28 ta' Settembru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi (C-282/04 u C-283/04, Ġabra p. I-9141, punt 18); Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 66, punti 38 u 43); tal-4 ta' Ġunju 2002, Il-Kummissjoni vs Franza (C-483/99, Ġabra p. I-4781, punti 35 u 40). L-istess għandu japplika għall-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE, li fis-sustanza huwa l-istess bħall-Artikolu 56 KE. Kif ġie kkonstatat mill-Qorti tal-EFTA fis-sentenza tat-23 ta' Novembru 2004, Fokus Bank (E-1/04, Ġabra Qorti tal-EFTA, p. 11, punti 22 u 23), li tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Settembru 2003, Ospelt and Schlössle Weissenberg (C-452/01, Ġabra p. I-9743, punt 28) u għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs ippreżentati f'din l-istess kawża tal-10 ta' April 2003 (punti 72 u 73), id-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-kapital fit-Trattat KE u fil-Ftehim ŻEE huma essenzjalment identiċi.

101 — ĠU 1988 L 178, p. 5.

102 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Marzu 1999, Trummer und Mayer (C-222/97, Ġabra p. I-1661, punt 21); Il-Kummissjoni vs Franza (iċċitata fin-nota qiegħ il-paġna 100, punti 36 u 37); Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 66, punti 39 u 40) kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 100, punt 19).

103 — Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-367/98, Ġabra p. I-4731, punt 45); Il-Kummissjoni vs Franza (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 100, punt 41); tat-2 ta' Ġunju 2005, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-174/04, Ġabra p. I-4933, punti 30 u 31); tad-19 ta' Jannar 2006, Bouanich (C-265/04, Ġabra p. I-923, punti 34 u 35); Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi Baxxi, Kawżi Maqgħuda (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 100, punt 20) kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 19).

114. Kif diġà ġie spjegat [104], ir-riskju ta' responsabbiltà *in solidum* tal-azzjonisti jista' jiskoraġġixxi investituri potenzjali, speċjalment minħabba li l-parteċipazzjoni f'tali impriża tinvolvi riskju finanzjarju addizzjonali li jmur lil hinn mir-riskju kummerċjali normali. F'dan ir-rigward, qed isir riferiment mill-ġdid għall-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, li fil-fehma tagħha l-estensjoni tar-responsabbiltà għall-azzjonisti tagħmel ix-xiri ta' azzjonijiet f'dawn il-kumpanniji partikolari ftit attraenti, bħal fil-każ tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

115. Skont din id-definizzjoni wiegħsa, li ġiet adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja s'issa, restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 56(1) KE jkollha ttitieħed li teżisti f'din il-kawża.

— Il-possibbiltà ta' delimitazzjoni teleoloġika tal-projbizzjoni fuq restrizzjonijiet

116. Bħal fil-każ tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fil-ġurisprudenza tagħha preċedenti anki d-delimitazzjoni teleoloġika tal-projbizzjoni fuq restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tal-kapital [105]. Bil-perspettiva ta' konverġenza possibbli iktar wiesgħa għal-libertajiet fundamentali għaldaqstant ikun perfettament konċepibbli wkoll li ssir delimitazzjoni teleoloġika tal-projbizzjoni fuq restrizzjonijiet fil-qasam tal-moviment liberu tal-kapital u li ssir distinzjoni skont jekk id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni tistabbilixxix "ostakoli speċifiċi għall-aċċess" jew sempliċement tiddefinixxix il-"kundizzjonijiet relatati mal-post". Interpretazzjoni differenti taż-żewġ libertajiet fundamentali twassal inevitabbilment għal diskrepanza fit-trattament ta' azzjonisti kbar u żgħar, peress li filwaqt li l-azzjonisti l-kbar jiġu rrifjutati milli jinvokaw il-libertà ta' stabbiliment, l-azzjonisti ż-żgħar ikunu permessi li jieħdu azzjoni kontra d-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata billi jinvokaw restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital. Jekk l-azzjonisti l-kbar ma jistgħux inisslu mil-libertajiet fundamentali ebda dritt għall-approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet relatati mal-post [106], dan ċertament ma għandux ikun possibbli għall-azzjonisti żgħar. Barra dan, m'hemm l-ebda raġuni għal differenza fit-trattament, peress li ż-żewġ kategoriji ta' azzjonisti huma preċiżament fl-istess pożizzjoni.

117. Fir-rigward tad-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata nnifisha, għandu jingħad li din fiha nnifisha ma tnaqqasx il-possibbiltà tal-azzjonisti li jipparteċipaw fil-kumpannija bl-iskop li jistabbilixxu jew iżommu rabtiet

104 — Ara l-punt 68 ta' dawn il-konklużjonijiet.

105 — Ara l-punt 66 ta' dawn il-konklużjonijiet.

106 — Fil-punt 74 ta' dawn il-konklużjonijiet jien indikajt, fir-rigward tal-libertà ta' stabbiliment, li dik il-libertà fundamentali mhijiex maħsuba li hija strument għal operaturi ekonomiċi biex jimmodifikaw il-kundizzjonijiet relatati mal-post tagħhom fir-rigward ta' kompetituri nazzjonali. Dan għandu japplika wkoll għall-moviment liberu tal-kapital.

ekonomiċi dejjiema u diretti magħha sabiex tippermettilhom li jipparteċipaw b'mod effettiv fl-amministrazzjoni ta' din il-kumpannija jew fil-kontroll tagħha. M'hemm l-ebda ostakoli *de jure* jew *de facto* għall-influss ta' investimenti diretti. Din lanqas ma tirregola speċifikament in-natura ta' jew l-arranġamenti għall-investimenti f'kumpanniji fis-settur tal-medja Grieg. Pjuttost, skont id-dikjarazzjonijiet tiegħi iktar 'il fuq [107], id-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata għandha fir-realtà tiġi kklassifikata fil-kategorija ta' "kundizzjonijiet relatati mal-post", li sa fejn, tiġi aċċettata interpretazzjoni teleoloġika stretta, ma tkunx interpretata bħala restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 56(1) KE.

118. Kif diġà spjegajt [108], madankollu, apparti każijiet iżolati, m'hemm xejn x'jissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun ippreparata li tabbanduna l-interpretazzjoni wiegħsa tagħha tal-kunċett ta' restrizzjoni. Il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin huma għalhekk ibbażati fuq il-kunċett ta' projbizzjoni komprensiva fuq restrizzjonijiet.

119. Konsegwentement hemm restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk din tistax tkun iġġustifikata u jekk din tgħaddix mit-test ta' proporzjonalità.

vii) Ġustifikazzjoni

— Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali bħala interess leġittimu

120. Sa fejn id-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata tipprova tipproteġi id-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata, din issegwi għan li huwa rrikonoxxut mill-ordni legali tal-Unjoni, li huwa għalhekk leġittimu u fil-prinċipju jista' jiġġustifika restrizzjoni [109].

— It-test ta' proporzjonalità

121. Peress li skont din id-dispożizzjoni azzjonisti li ma għandhom l-ebda influwenza definita fuq id-deċiżjonijiet tal-kumpannija jinżammu wkoll responsabbli, id-dispożizzjoni sussegwenti ma tidhirx li tista' tipproteġi l-interessi legali msemmija iktar 'il fuq, speċjalment peress li din il-kategorija ta' membri jistgħu jagħmlu ftit li xejn biex jipprevjenu ksur ta' leġiżlazzjoni u ta' regoli ta' kondotta li jirregolaw l-operat ta' stazzjonijiet televiżivi.

107 — Ara l-punt 76 ta' dawn il-konklużjonijiet.

108 — Ara l-punt 78 ta' dawn il-konklużjonijiet.

109 — Ara l-punt 85 ta' dawn il-konklużjonijiet.

122. Peress li huma konċepibbli miżuri inqas onerużi li joffru l-istess prospett ta' suċċess, fuq kollox ir-responsabbiltà tal-azzjonisti li attwalment jeżerċitaw influwenza fuq il-korp amministrattiv tal-kumpannija u l-istrutturi tal-istazzjon televiżiv li jieħdu d-deċiżjonijiet jew li jista' attwalment jattribwilhom ksur, ir-responsabbiltà min-naħa tal-grupp ta' azzjonisti rilevanti f'din l-istanza ma tistax titqies bħala neċessarja.

fuqhom jirriżulta f'restrizzjoni mhux raġunevoli fuq din il-libertà fundamentali.

124. Konsegwentement, id-dipsożizzjoni nazzjonali kkontestata ma tistax titqies, globalment, li hija proporzjonata. Hija bbażata fuq bilanċ bejn il-moviment liberu tal-kapital bħala libertà fundamentali u d-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja li mhuwiex konsistenti mad-dritt Komunitarju.

viii) Konklużjoni intermedja

123. Id-dubji li ġew espressi fir-rigward ta' restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment japplikaw *a fortiori* għall-moviment liberu tal-kapital. Restrizzjoni fuq din il-libertà fundamentali, mingħajr ma tkun ta' benefiċċju għall-protezzjoni tad-dritt fundamentali, ma tissodisfax ir-rekwiżit tar-raġunevolezza. Il-moviment liberu tal-kapital jipproteġi biss membri li mhumiex f'pożizzjoni li jeżerċitaw influwenza definita fuq id-deċiżjonijiet tal-kumpannija u li jiddeterminaw l-attivitajiet tagħha. Il-fatt li tista' tiġi imposta multa

125. Fil-qosor, jista' jiġi kkonstatat li l-Artikolu 56(1) KE jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/1995.

VII — Konklużjoni

126. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' qabel, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari ta' Simvoulio tis Epikratias kif ġej:

"1) L-ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE, tad-9 ta' Marzu 1968, dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità ma tipprekludix dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 4(3) tal-Liġi 2328/1995, li taħtu l-multi stipulati fil-paragrafi preċedenti ta' dak l-artikolu għal ksur ta' legiżlazzjoni u ta' regoli ta' kondotta tajba li jirregolaw l-operat ta' stazzjonijiet televiżivi huma imposti *in solidum* kemm fuq il-kumpannija li f'isimha għandha l-liċenzja biex twaqqaf u topera l-istazzjon televiżiv u fuq l-azzjonisti kollha b'sehem ta' iktar minn 2.5 %.

2) Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 43 KE, l-Artikolu 48 KE u l-Artikolu 56 KE jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali bħal dik deskritta fil-paragrafu 1 imsemmi iktar 'il fuq."